**5 ta' April, 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Tonio Vella

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija u Suprintendent Carmelo Bonello

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Arrest Illegali – Perkwiżizzjoni fi Proprjetà – Trattament Inuman – Degradanti – Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali – Proċedura ta' Arrest – Tortura – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem**

*Ir-rikorrent ġie arrestat għal madwar 46 siegħa, u saritlu tfittxija f' daru. Hu talab lil din il-Qorti tiddikjara li l-arrest ta' l-esponent fuq ordnijiet ta' l-intimati sar bi vjolazzjoni ta' artikolu 34(1)(2) u artikolu 38 tal-Kostituzzjoni; li t-tfittxija fuq ordnijiet ta' l-intimati saret bi vjolazzjoni ta' artikolu 38(1)(2) tal-Kostituzzjoni; li l-intimati huma ħatja ta' trattament inuman u degradanti fil-konfront ta' l-esponent bi vjolazzjoni ta' artikolu 36 tal-Kostituzzjoni; toħroġ dawk l-ordnijiet biex jiġu rimedjati dawn il-vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali tal-esponent.*

*L-intimati ssottomettew li din il-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni tal-każ għax ir-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu taħt il-liġi ordinarja mezzi xieraq w adegwati ta' rimedju għall-lanjanzi tiegħu. L-ewwel Qorti qalet li minn eżami akkurat tas-subinċiżi (1) u (2) ta' l-isemmi artikolu 46 jidher ċar li l-leġislatur ma ridx li jistabbilixxi bħala prinċipju assolut fil-liġi kostituzzjonali tagħna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha għandha dejjem u tassattivament tesawrixxi r-rimedji kollha disponibbli taħt il-liġi ordinarja, inklużi dawk ir-rimedji li ma jkunux raġonevolment mistennija li jipprovdu effettività. Għalhekk din it-talba ġiet respinta, għax fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ din il-Qorti ma kellhiex tirrifjuta li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha.*

*L-ewwel Qorti kkunsidrat fid-dettal u separatament it-tlett lanjanzi tar-rikorrent:*

*Ksur ta' l-artikolu 38(1) u (2) tal-Kostituzzjoni – Dan l-artikolu jistabbilixxi li ħlief bil-kunsens tiegħu stess ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għat-tfittix fuq proprjetà tiegħu jew għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu, apparti fil-każijiet li jissemmew fl-istess artikolu. Skond artikolu 352 (tal-Kodiċi Kriminali), "l-uffiċjal tal-pulizija esekuttiva nkarigat mill-arrest jew mill-perkwiżizzjoni, għandu jgħarraf lill-persuna suġġetta għall-arrest jew għall-perkwiżizzjoni, meta tkun hemm, bis-setgħa tiegħu w bir-raġuni ta' l-arrest jew tal-perkwiżizzjoni, kemm-il darba ma jkunx qabadha fil-fatt". Dak il-ħin tal-perkwiżizzjoni r-rikorrent ma kienx preżenti u għalhekk is-suprintendent ma setax igħarrfu bil-għan tat-tfittxija. Għalhekk l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni*

*li l-perkwiżizzjoni in kwistjoni, saret skond l-Awtorità w in termini tad-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodiċi Kriminali. Konsegwentement, skond l-imsemmi artikolu 47(7) ma tista' qatt titqies li saret bi ksur ta' l-artikolu 38(1) u (2) kif allega r-rikorrent.*

*Ksur ta' Artikolu 34(1) u (2) tal-Kostituzzjoni – Ir-rikorrent sostna li sar ksur ta' Artikolu 34(1) (f) tal-Kostituzzjoni għaliex il-pulizija ma kellhiex awtorità li tarrestah peress li din ma kellhiex "suspett raġonevoli li huwa kkommetta jew kien se jikkommetti reat kriminali". L-ewwel Qorti ddeċidiet li jidher li ma jistax jiġi ritenut li fis-sitwazzjoni li dehret quddiem l-intimat suprintendent f'dak iż-żmien partikolari hu aġixxa fuq suspett mhux raġonevoli.*

*Il-mument preċiż li fih safa' arrestat ir-rikorrent – Hu ferm desiderabbli li l-uffiċjal li jkun qiegħed jarresta juża kliem ċar u sempliċi li ma jista' jħalli ebda dubju f'moħħ il-persuna soġġetta għall-arrest li hi tinstab 'under compulsion'. Nonostante l-forma ewfemistika li uża s-surġent biex jesegwixxi l-ordni ta' l-arrest, ma hemm l-ebda dubju li l-arrest tar-rikorrent beda jseħħ fil-fabbrika minn fejn inġabar biex jieħduh id-Depot.*

*L-allegazzjoni tar-rikorrent li hu ma ngħarrafx bis-setgħa ta' l-uffiċjal tal-pulizija li arrestah – artikolu 352 tal-Kodiċi Kriminali jimponi obbligu fuq il-pulizija li jesegwixxu l-arrest li jgħarraf lill-persuna suġġetta għall-arrest bis-setgħa tiegħu. F'dawn iċ-ċirkostanzi jidher ċar li l-uffiċjal inkarigat mill-arrest tar-rikorrent ma ottemperax ruħu kompletament mar-rekwiżit imsemmi f'artikolu 352.*

*L-allegazzjoni tar-rikorrent li l-'arresting officer' ma tahx ir-raġuni ta' l-arrest – Skond l-imsemmi artikolu 352 l-arresting officer għandu inoltre jgħarraf lill-persuna soġġetta għall-arrest bir-raġuni għall-arrest. Dwar dan hemm konflitt serju bejn ix-xhieda, iżda minn eżami fir-reqqa jidher li x-xhieda tas-surġent fuq il-punt in kwistjoni, ma hi xejn verosimili. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti aktar tat affidament lill-verżjoni tar-rikorrent li hu ma ġiex infurmat bir-raġuni ta' l-arrest mis-surġent.*

L-allegazzjoni tar-rikorrent li l-arrest tiegħu ttawwal għal żmien aktar *minn dak li kien assolutament meħtieġ – Biex tinterroga u tiġbor il-provi, il-pulizija tista' żżomm lill-persuna arrestata. Il-Pulizija jkollha riżultat pożittiv meta jirnexxielha tiġbor provi prima facie tar-reità tal-persuna arrestata w għalhekk tittieħed deċiżjoni li dik il-persuna titressaq quddiem il-Qorti. Skond Artikolu 353(2) tal-Kodiċi Kriminali tali deċiżjoni għandha tiġi esegwita bla dewmien mhux meħtieġ u fl-ebda każ ma' għandhom igħaddu aktar minn tmienja w erbgħin siegħa. Il-pulizija jista' jkollha riżultat negattiv għall-investigazzjonijiet tagħha billi l-persuna arrestata bl-ispjegazzjonijiet li tagħti waqt l-interrogazzjoni tasal li tikkonvinċi lill-pulizija li s-suspett tagħha ma hux fondat jew il-pulizija ma tiksibx prova prima facie tar-reità tal-persuna arrestata. F'dan il-każ il-pulizija għandha ovvjament l-obbligu li teħles immedjatament lil din il-persuna. L-intimat suprintendent ma rnexxilux jipprova soddisfaċentement li kien meħtieġ ikompli jżomm lir-rikorrent għaż-żmien kollu li effettivament żammu arrestat.*

It-trattazzjoni tar-rikorrent li hu ġie maltrattat waqt l-arrest – *Il-kunċett ta' trattament inuman jew degradanti m'għandux jiġi ekwiparat mal-kunċett ta' tortura. It-tortura tikkostitwixxi forma aggravata u ntenzjonata ta' trattament inuman u degradanti. Biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti f'artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li jlaħħaq ċertu grad ta' gravità. Dan il-grad m'għandux jitkejjel a bażi ta' l-effett li tali trattament jista' jkollu fl-astratt fuq persuna medja normali, iżda minflok, a bażi ta' l-effett li fil-fatt kellu dak it-trattament partikolari fuq il-persuna partikolari li tkun ġiet assoġġettata għalih. Għalhekk is-sess, l-età, l-istat ta' saħħa, l-inkapaċitajiet u fatturi varjabbli oħra li jagħmlu persuna dak li effettivament hi għandhom jingħataw id-debita importanza.*

L-arrest tar-rikorrent mhux biss ġie esegwit illegalment iżda ġie *prosegwit bl-istess mod billi inżamm għal żmien aktar minn dak li kien meħtieġ. Tista' tgħid li għaż-żmien kollu li r-rikorrent illegalment arrestat inżamm ġo ċella żgħira ħafna, f'kundizzjonijiet ħżiena ferm.*

*L-effett kombinat ta' l-inċidenti kollha li ssemmew fuq il-persuna partikolari tar-rikorrent kien, f'fehmet il-Qorti, trattament gravi biżżejjed li jikkwalifika bħala trattament inuman u degradanti fis-sens ta' artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.*

*Din il-Qorti tqis li l-intimat suprintendent hu responsabbli għażżamma tar-rikorrent aktar milli kien meħtieġ, kif ukoll għall-fatt li l-arrest tar-rikorrent ġie eżegwit u prosegwit b'manjiera mhux skond l-awtorità tal-liġi u konsegwentement l-arrest sar wieħed illegali.*

*Dwar ir-rimedju kostituzzjonali li għandu jiġi applikat, il-Qorti taħseb li f'każijiet bħal dawn, ir-rikorrent stess għandu jindika liema rimedju jkun qed jimmira għalih. Inoltre, il-kwistjoni tal-quantum tal-kumpens imsemmi, safejn taf il-Qorti qatt ma qam quddiem il-Qorti u peress li dan hu kunċett ġdid fil-liġi tagħna din il-Qorti tħoss li tkun ħaġa prudenti li tagħti lill-abbli difensuri tal-partijiet l-opportunità li jittrattaw dan l-aħħar imsemmi aspett.*

*Minn din is-sentenza appellaw kemm ir-rikorrent, kif ukoll prinċipalment l-intimat suprintendent.*

*Wara li reġgħet ikkunsidrat il-fatti kollha tal-każ, din il-Qorti rriformat is-sentenza appellata billi ddikjarat li:*

1. *l-arrest ta' Vella mill-intimati sar b'mod li ġie vjolat artikolu 34(1)(f) billi ma kienx hemm suspett raġonevoli li huwa kien jew kien se jikkommetti reat kriminali;*

2. *il-perkwiżizzjoni li saret fir-residenza tar-rikorrent kisret id-disposizzjoni ta' artikolu 352 tal-Kodiċi Kriminali iżda ma kkostitwitx ksur tal-Kostituzzjoni;*

3. *L-intimati huma ħatja ta' trattament inuman u degradanti bi vjolazzjoni ta' artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, tal-5 ta' Diċembru, 1986 tgħid hekk:

(L-artikoli li ssir referenza tagħhom f'din il-Qorti, huma dawk qabel is-seħħ tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, 1984).

Il-Qorti: – Rat ir-rikors ta' Tonio Vella, li bih, wara li ppremetta: illi nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru, 1983, huwa ġie arrestat mill-pulizija fis-12.45 p.m. u meħud id-Depot tal-pulizija, il-Furjana, fejn inżamm mill-pulizija hekk arrestat sal-Ħadd, 4 ta' Diċembru, 1983, fil-11.00 a.m.; illi fl-istess ġurnata saret tfittxija mill-pulizija fid-dar, 25, New Street, Birzebbugia, fejn joqgħod l-esponent; illi kemm l-arrest kif ukoll it-tfittxija saru fuq ordnijiet ta' l-intimati; illi l-esponent, nonostante li hu persuna inkapaċitata fiżikament, inżamm kważi 48 siegħa stretti taħt arrest, mingħajr raġuni valida fil-liġi, bi ksur tar-rekwiżiti imposti mill-liġi dwar l-arrest taċ-ċittadini fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u l-arrest tiegħu ġie mtawwal aktar minn dak li kien assolutament meħtieġ, u ġie wkoll assoġġettat għal aġir **degradanti** w inuman kif ukoll illegali mill-pulizija matul l-arrest tiegħu; illi huwa la ġie nformat bir-raġuni ta' l-arrest tiegħu, u fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ dan l-arrest l-anqas sar fuq suspett raġonevoli li hu kkommetta reat, u dana bi ksur tal-artikolu 35(1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 359, 364 u 365(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali; illi anke t-tfittxija fid-dar ta' l-esponent saret bi **ksur** ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; illi matul l-arrest huwa ġie assoġġettat għal swat, theddid, intimidazzjoni, kif ukoll vjolenza fiżika w verbali, bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; l-istess rikorrent talab li din il-Qorti jogħġobha (1) tiddikjara li l-arrest ta' l-esponent fuq ordnijiet ta' l-intimati sar bi vjolazzjoni ta' l-artikoli 35(1)

(2) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; (2) tiddikjara li t-tfittxija fuq ordnijiet ta' l-intimati tar-residenza ta' l-esponent, 25, New Street, Birzebbugia, saret bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni; (3) tiddikjara lill-intimati ħatja ta' trattament inuman jew degradanti fil-konfront ta' l-esponent bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; (4) tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jiġu rimedjati dawn il-vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem ta' l-esponent, fosthom ukoll li ssib lill-intimati ħatja ta' ksur tal-Kostituzzjoni kif imsemmi w anki tikkundannahom iħallsu lill-esponent il-kumpens previst fl-artikolu 35(4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta ta' l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u suprintendent Carmelo Bonello li biha ssottomettew:

1. Illi għalkemm jidher li kemm taħt il-Kodiċi Kriminali kif ukoll taħt liġijiet oħra kien hemm u għad hemm mezzi xieraq w adegwati ta' rimedju għall-allegati lanjanzi, ir-rikorrent għażel li jaġixxi mill-ewwel lil dina l-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali tagħha; illi għalhekk dina l-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni u dana in konformità mal-proviso ta' l-istess subartikolu;

2. Illi l-intimati aġixxew fil-konfront tar-rikorrent skond id-dmirijiet, setgħat u poteri mposti fuqhom u mogħtija lilhom mil-liġi bħala uffiċjali tal-pulizija eżekuttiva u għalhekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu respinti.

Salv sottomissjonijiet u eċċezzjonijiet ulterjuri.

Eżaminat bir-reqqa l-provi kollha li tressqu kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-proċediment.

Ikkunsidrat:

Illi l-intimati ssottomettew li din il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha għaliex jallegaw li r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu taħt il-liġi ordinarja mezzi xierqa w adegwati ta' rimedju għall-lanjanzi tiegħu.

Illi s-subinċiż (2) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni jikkonferixxi fuq din il-Qorti ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba li persuna tista' tagħmlilha dwar allegazzjoni ta' ksur ta' xi wieħed mid-drittijiet u libertajiet fundamentali regolati mill-artikolu 34 sa 46 ta' l-istess Kostituzzjoni. Din il-Qorti nagħtat is-setgħa li tipprovdi r-rimedju jew rimedji opportuni billi tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna. Iżda, din il-Qorti, tista' tirrifjuta li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha jekk tqis li jkun desiderabbli li tagħmel hekk f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.

Illi minn eżami akkurat tas-subinċiż (1) u (2) ta' l-imsemmi artikolu 47 jidher ċar li l-leġislatur Malti ma riedx li jistabilixxi bħala prinċipju assolut fil-liġi kostituzzjonali tagħna li qabel ma'

persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, għandha dejjem u tassattivament tesawrixxi r-rimedji kollha disponibbli taħt il-liġi ordinarja, inklużi dawk ir-rimedji li ma jkunux raġonevolment mistenni li jipprovdu rimedju effettiv.

Infatti, l-ewwel subinċiż espressament jipprovdi li persuna tista' tinvoka r-rimedju kostituzzjonali "bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment". Imbagħad, it-tieni subinċiż, eżattament fil-proviso tiegħu, juża' diċitura li *evidentement tikkonferixxi lill-Qorti diskrezzjoni* wiesa ħafna dwar l-eżerċizzju o meno tal-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha.

Ma hemmx għalfejn jingħad, li tali diskrezzjoni għandha tintuża ġustament u raġonevolment. Il-leġislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lill-ebda persuna jew awtorità oħra) din id-diskrezzjoni wiesa fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja biex minn banda l-waħda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bżonn anki ħesrem, lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mill-banda l-oħra tkun tista' timpedixxi li jiġu krejati ostakoli bla bżonn fit-triq ta' min ikun jidher li ġenwinament ikun qiegħed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeċi w iċ-ċirkostanzi partikolari kollha tal-każ għandhom jiġu eżaminati għaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeċidi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha. Ġie deċiż mill-Onorabbli Qorti *ta' l-Appell* (*Vincent Spiteri vs Onorevoli Prim Ministru31/8/77* Dec. Kost. p. 567) li din il-Qorti m'għandiex irraġonevolment tesiġi li r-rimedju disponibbli jagħti garanzija assoluta w aprijoristika ta' suċċess f'kull każ partikolari. Iżda mill-banda l-oħra, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, l-anqas ma għandu jiġi njorat

l-aspett ta' kemm raġonevolment ikun mistenni li r-rimedji ordinarji jkunu jistgħu jiġu inizjati, prosegwiti u finalizzati fil-prattika b'mod effettiv u effikaċi.

Illi dana l-aħħar imsemmi aspett jidher partikolarment rilevanti għal każ in eżami. Ma hemmx dubbju li diversi nċidenti li r-rikorrent jallega li kien involut fihom setgħu taw lok għal xi proċeduri ta' natura kriminali kontra ż-żewġ intimati jew xi wieħed minnhom. Ir-rikorrent bħala fatt, ma pprovax jagħmel użu minn dawn il-proċeduri ordinarji għaliex sostna li tali proċeduri kriminali huma prinċipalment intiżi biex joffru rimedju mhux lill-individwu iżda lis-soċjetà u f'dan il-każ partikolari qatt ma setgħu jipprovdulu rimedju effettiv ladarba l-istess proċeduri kienu jkunu diretti kontra l-Kap u uffiċjal għoli tal-Korp tal-Pulizija.

Illi ovvjament din il-Qorti ma tistax apprijoristikament tikkondividi xi xettiċiżmu tar-rikorrent. Mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax simpliċistikament tibbaża ruħha fuq konsiderazzjonijiet astratti u konċetti tejoretiċi iżda trid tikkonsidra l-lanjanza tar-rikorrent fl-isfond attwali tal-fattispeċi partikolari tal-każ odjern, kif ukoll fid-dawl ta' dak li effettivament jiġri fir-rejaltà.

Li kieku r-rikorrent insista fuq tali proċeduri u kieku mexxielu jippromwovihom, l-istess proċeduri kriminali ta' bilfors kien ikollhom jitmexxew mill-pulizija stess. F'dan il-kuntest ma tistax tiġi njorata ċirkostanza rilevanti, ċjoè li l-pulizija kienet għamlet inkjesta permezz tad-Deputat Kummissarju dwar l-allegazzjonijiet li kienu qegħdin isiru minn xi persuna, fl-epoka ta' l-arrest tar-rikorrent, dwar l-użu ta' vjolenza waqt interrogazzjonijiet tal-pulizija. (ara kopja tar-rapport datat 14/12/83

li tinsab a fol. 146 et. seq. tal-proċess). Il-konklużjoni prinċipali li ġiet raġġjunta kienet li l-allegazzjonijiet li kienu saru kienu:

"totalment infondati w l-uniku għan tagħhom huwa dak li jintefa' dell ikrah fuq il-Korp".

Din il-konklużjoni tidher li ngħatat ċerta pubbliċità. Mhux diffiċli li wieħed jifhem li f'ċirkostanzi bħal dawn ir-rimedju ordinarju provdut mill-azzjoni kriminali (li neċessarjament titmexxa mill-pulizija anke f'każ tal-proċedura msejjħa *"challenge"* kontemplat fl-artikolu 535 tal-Kodiċi Kriminali), safa effettivament menomat u ġie reż ferm inċert u dubjuż.

Illi apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, ir-rikorrent isostni li f'din il-kawża hu ma hux qiegħed jallega xi sempliċi ksur talliġi kriminali jew ċivili, iżda qiegħed jallega li l-fatti li l-inċidenti li ġraw (apparti l-aspett marġinali jekk jiksrux ukoll il-liġi kriminali jew ċivili) meħuda lkoll flimkien jikostitwixxu filkumpless tagħhom ksur ta' xi wħud mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem li r-rikorrent indika fir-rikors promotorju ta' din il-kawża.

*Illi ovvjament kwistjoni bħal din hi ntimament konnessa* mal-mertu veru tar-rikors. Jekk ir-rikorrent jinstab li għandu raġun f'dak li qiegħed isostni, ċertament ir-rimedju ordinarju li tipprovdi l-liġi ordinarja ma jista' qatt ikun ikkunsidrat bħala rimedju xieraq u adegwat.

Għalhekk, fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, din il-Qorti m'għandiex ċertament tirrifjuta li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha iżda minflok teżamina l-lanjanzi tar-rikorrent biex tara jekk dawn humiex fondati jew le.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent hu nkapaċitat billi għandu riġlejh debilitati u jsofri wkoll mill-marda tad-dijabete. Hu jaħdem fil-fabbrika Nigura f'Bulebel bħala *"checker"* tan-nuċċalijiet.

Fit-2 ta' Diċembru, 1983, meta r-rikorrent kellu 31 sena, il-pulizija kienet għamlet tfittxija fid-dar tar-rikorrent, 25, New Street, B'Bugia u f'garage quddiem din id-dar. F'dak iż-żmien il-pulizija kienet għaddejja bl-investigazzjoniet tagħha in konessjoni mas-sejba ta' kwantità ta' armi, munizzjoni, esplussivi w apparat elettroniku li ż-żamma tiegħu ma kenitx konformi mal-liġi. Ir-rikorrent ma kienx preżenti għall-perkwisizzjoni. Wara t-tfittxija, li tat riżultat negattiv, ir-rikorrent ġie arrestat fuq xogħolu f'xis-12.45 p.m. Ġie meħud id-Depot tal-Pulizija fejn inżamm arrestat sal-Ħadd, 4 ta' Diċembru. Inħeles f'xil-10.45 a.m. u għalhekk inżamm arrestat għall-madwar sitta w erbgħin (46) siegħa.

F'dawn il-proċeduri r-rikorrent qiegħed jallega li l-intimati kisru tlett drittijiet fundamentali tiegħu protetti mill-Kostituzzjoni ċjoè (1) li l-arrest tiegħu sar bi ksur tal-artikoli 35(1) (2) u 39 (Protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja u protezzjoni għall-intimità tad-dar jew proprjetà oħra); (2) li t-tfittxija fir-residenza tiegħu saret bi ksur tal-artikolu 39(1) u (2) (Protezzjoni għall-intimità tad-dar jew proprjetà oħra) u (3) li l-intimati assoġġettawh għall-trattament inuman jew degradanti bi ksur tal-artikolu 37 (Protezzjoni minn trattament inuman). Fl-aħħarnett ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tipprovdi r-rimedji opportuni.

Illi l-intimati, minn-naħa tagħha, talbu li t-talbiet tar-

rikorrent jiġu respinti għax kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt billi sostnew li l-intimati aġixxew fil-konfront tar-rikorrent skond id-dmirijiet, setgħat u poteri mposti fuqhom u mogħtija lilhom mill-liġi bħala uffiċjali tal-pulizija esekuttiva.

Apparti diversi dokumenti li ġew eżebiti mill-kontendenti, instemgħu barra l-kontendenti,Dr. Joseph Paris, Carmela Vella, Gemma Petroni, P.S. 1199 Anthony Sammut, P.S. 99 Joseph Zahra, P.S. 563 Joseph Galea u l-Ispettur David Stubbings.

L-abbli difensuri tal-kontendenti arrekaw dan il-proċess kemm bit-trattazzjoni orali erudita w eżawrjenti (li ġiet traskritta) u kemm bin-noti tal-osservazzjonijiet tagħhom.

Illi wara li l-Qorti aċċennat għall-isfond ġenerali tal-proċess, issa sejra tgħaddi biex tikkonsidra fid-dettall u separatament it-tlett lanjanzi tar-rikorrent. Sejra tibda mit-tieni lanjanza ċjoè mit-tfittxija li saret mill-pulizija fir-residenza tar-rikorrent, peress li kronoloġikament din ġrat qabel l-okkorrenzi li taw lok għażżewġ lanzjanzi l-oħra tar-rikorrent.

**Ikkunsidrat dwar l-allegat ksur ta' l-artikolu 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni: (illum artikolu 38(1) u (2) )**

Illi mill-provi jirriżulta li l-intimat suprintendent Bonello akkwista nformazzjoni mingħand ċertu "*informer*" (li l-identità tiegħu baqgħet mistura) li fid-dar u fil-garage msemmija kien hemm armi illegali jew apparat elettroniku mingħajr permess. Il-pulizija evalwat din l-informazzjoni u ddeċidiet li tieħu azzjoni immedjatament fuqha kemm minħabba l-kontenut ta' l-istess informazzjoni w kemm minħabba li l-*informer* partikulari kien għadda nformazzjoni tajba (irrelevanti għal dan il-każ) f'okkażżjonijiet preċedenti.

Fit-2 ta' Diċembru 1983, f'xil-11.00 a.m. jew ftit wara, l-intimat Bonello flimkien ma' l-ispettur Stubbings, P.S. Zahra, P.S Galea u pulizija ieħor aċċedew fuq l-istess fondi biex ifittxu fihom. Fid-dar sabu lill-ħut ir-rikorrent Carmela Vella u Gemma Petroni. Din ġiet ordnata toqgħod isfel u tħalla pulizija jgħasses isfel. L-oħrajn telgħu jfittxu minn fuq u magħhom ħadu lil Carmela Vella. Fittxew kullimkien b'mod metikuluż ħafna iżda ma sabu assolutament xejn mill-oġġetti illegali li stennew li sejrin isibu hemm. Il-pulizija kellha l-istess riżultat meta fittxet fil-garage quddiem ir-residenza tar-rikorrent.

Tista' tgħid li l-uniku konflitt serju li hemm fil-provi in konnessjoni ma' din il-perkwisizzjoni hu preċiżament li waqt li l-aħwa Vella xehdu li ma ingħatawx ir-raġuni tat-tfittxija, l-ispettur Stubbings u s-suprintendent Bonello xehdu li fil-bidu tal-perkwisizzjoni kienu qalulhom għal x'hiex kienu qegħdin ifittxu.

Ikkunsidrat:

L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jistabbilixxi *inter alia* li ħlief bil-kunsens tiegħu stess ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għat-tfittix fuq proprjetà tiegħu jew għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu, apparti l-każijiet li jissemmew fl-istess artikolu.

L-intimati qegħdin isostnu li l-perkwiżizzjoni saret in konformità mad-disposizzjonijiet relativi tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk ma setax ikun hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. Illi efettivament, l-artikolu 48(7) tal-Kostituzzjoni jistabbilixxi li ebda ħaġa li hemm f'diversi Kodiċijiet, fosthom il-Kodiċi Kriminali ma tista' titqies li tkun inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 34 sa 46 tal-

Kostituzzjoni u ebda ħaġa magħmula skond l-awtorità ta' l-istess Kodiċi ma tista' titqies li tkun saret bi ksur ta' dawk l-artikoli.

Mela, jekk il-perkwiżizzjoni jirriżulta li saret ai termini tal-Kodiċi Kriminali, kwalunkwe possibilità ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem hi espressament eskluża.

Ikkunsidrat:

Illi fost doveri oħra, il-pulizija għandha d-dover "li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi w li ġġib il-ħatjin, sew l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja" (Art. 358 Kodiċi Kriminali). Biex taqdi dawn id-doveri l-pulizija għandha wkoll id-dritt li tagħmel il-perkwiżizzjonijiet fi djar u bini ieħor (Art. 362, 363 u 364 (fost oħrajn) Kodiċi Kriminali).

Illi fil-każ odjern it-tfittix sar mis-suprintendent *Bonello* u għalhekk l-artiklu 362 u 363 huma, hawn, irrelevanti, għaliex hu biss applikabbli l-artikolu 364 li jgħid hekk: "L-Uffiċjal tal-pulizija esekuttiva nkarigat *mill-arrest* jew *mill-perkwiżizzjoni*, għandu jgħarraf lill-persuna suġġetta għall-arrest jew għall-perkwiżizzjoni, meta tkun hemm, bis-setgħa tiegħu u bir-raġuni ta' l-arrest jew tal-perkwiżizzjoni, kemm-il darba ma jkunx qabadha fil-fatt".

Irriżulta li s-suprintendent Bonello għarraf lil ħut ir-rikorrent bis-setgħa tiegħu billi identifika ruħu u qallhom bil-kariga li kellu. Il-konflitt fil-provi aċċennat aktar qabel u ċjoè jekk is-suprintendent Bonello tahomx ukoll ir-raġuni tal-perkwiżizzjoni, ma tidhirx li hemm ħtieġa li jiġi riżolut mill-Qorti peress li skond l-imsemmi artikolu, ir-raġuni tal-perkwiżizzjoni għandha tingħata lill-persuna soġġetta għall-perkwiżizzjoni, **meta tkun hemm.**

Dak il-ħin tal-perkwiżizzjoni, ir-rikorrent ma kienx preżenti u għalhekk is-suprintendent Bonello ma setax jgħarrfu bl-għan tat-tfittxija. Il-kwistjoni jekk is-superintendent Bonello kienx obbligat jew le li jagħti tagħrif simili lil ħut ir-rikorrent l-anqas hemm bżonn li tiġi riżoluta mill-Qorti peress li jekk stess kien hemm tali obbligu, dan kien jeżisti fil-konfront tal-persuna ta' Gemma Petroni u Carmela Vella li ma humiex parti f'din il-kawża.

Illi wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li, l-perkwiżizzjoni in kwistjoni saret skond l-Awtorità u ai termini tad-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodiċi Kriminali, konsegwentement skond l-imsemmi art. 48(7) ma tista' qatt titqies li saret bi ksur ta' l-art. 39(1) u (2) kif allega r-rikorrent.

**Ikkunsidrat dwar l-allegat ksur ta' l-artikolu 35(1) u (2) tal-Kostituzzjoni: (illum artikolu 34(1) u (2) )**

Irriżulta li l-intimat suprintendent Bonello mela l-mandat ta' arrest (eżebit a fol. 81 tal-proċess) fuq informazzjoni li tawh ħut ir-rikorrent wara l-perkwiżizzjoni. Is-suprintendent Bonello ta l-mandat miktub lis-surġent Joseph Zahra u qallu:

"biex isib ir-rikorrent, jiġbru u jieħdu d-depot. Jiena għamilt dan biex ninterrogah in konnessjoni ma' l-investigazzjonijiet li kont qed nagħmel. Ma tajt l-ebda istruzzjonijiet oħra lis-surġent Zahra dwar il-modalitajiet kif għandu jaffettwa l-arrest tar-rikorrent" (Xiehda tas-suprintendent Bonello a fol. 125 tal-proċess).

Effettivament irriżulta li s-surġent Zahra, flimkien ma' pulizija ieħor, mar fil-fabbrika fejn kien qed jaħdem ir-rikorrent,

ġabru f'xil-*12*.45 p.m. u ħadu *bil-karozza d-Depot tal-Pulizija*, f'xis-1.00 p.m. jew ftit aktar tard. Dwar kif ġie effettwat l-arrest, hemm konflitt fil-provi, ċjoè bejn ix-xieħda tar-rikorrent u dik tas-surġent Zahra. Ir-rikorrent xehed li sema' l-pulizija titkellem mal-manager u mid-diskors li ngħad, induna li dawn kienu ġew biex jiġbruh. Il-pulizija qalulu biex imur magħhom u hu hekk għamel. Ir-rikorrent afferma li qabel ma daħal id-Depot, il-pulizija ma qalulux għaliex rieduh, jiġifieri ma tawhx ir-raġuni għaliex arrestawh. Mill-banda l-oħra, is-surġent Zahra jagħti versjoni differenti. Fi kliemu stess:

''Quddiem dawk il-persuni li kien hemm preżenti għedt lil Tonio Vella li s-suprintendent Carmelo Bonello ried ikellmu .....aħna u ħerġin mill-fabbrika, però konna għadna ġewwa, lil Tonio Vella għidtlu ''Is-suprintendent Bonello jixtieq ikellmek fuq pussess illegali ta' armi''. Naf li Tonio Vella kien jaf li jiena pulizija w eżattament membru tas-C.I.D. għaliex meta wasal Tonio Vella minn fejn kien, *quddiemi nformawh b'dan u jiena* kelli l-Identity Card il-ħin kollu f'idejja. Il-mandat (li ġie eżebit) ma wrejtu lil ħadd għaliex il-proċedura tagħna hi li dan nuruh jekk dak li jkun jitlobna biex jarah'' (fol. 76 tal-proċess).

Jirriżulta li s-surġent Zahra ħa lir-rikorrent direttament fil-''*lock up*'' u nforma lis-suprintendent Bonello b'dak li kien għamel permezz ta' messaġġ bir-radju. Ir-rikorrent ġie maqful ġo ċella u dam hemmhekk ċirka sitta w erbgħin (46) siegħa ċjoè sal-Ħadd f'xil-10.45 a.m. apparti li ġie nterrogat f'żewġ okkażżjonijiet fl-uffiċċju tas-supritendent Bonello, l-ewwel darba l-Ġimgħa f'xis-6.45 p.m. u t-tieni darba s-Sibt f'xil-11.45 a.m. L-interrogatorji ħadu madwar nofs siegħa kull darba.

Illi f'din il-kawża r-rikorrent qiegħed isostni li l-arrest tiegħu

kien wieħed illegali, u kosegwentement arbitrarju, minħabba ħames raġunijiet u ċjoè:

(a) għaliex l-arrest ma sarx fuq suspett raġonevoli li hu kkommetta reat kriminali;

(b) għaliex hu ma ġiex mgħarraf bis-setgħa ta' l-uffiċjal tal-pulizija li arrestah;

(c) għaliex dan l-uffiċjal ma għarrfux bir-raġuni ta' l-arrest;

(d) għaliex l-arrest tiegħu ġie mtawwal għal żmien aktar milli kien assolutament meħtieġ; u

(e) għaliex waqt l-arrest hu ġie assoġġettat għall-maltrattament.

Il-Qorti tgħaddi biex tikkonsidra dawn il-lanjanzi waħda wara l-oħra.

**Ikkunsidrat dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-arrest ma sarx fuq suspett raġonevoli li kkommetta reat kriminali:**

Illi r-rikorrent sostna li sar ksur ta' l-Artikolu 35(1) (f) (illum 24(1) (f) ) tal-Kostituzzjoni għaliex il-Pulizija ma kellhiex awtorità li tarrestah peress li din ma kellhiex

"**suspett raġonevoli** li huwa kkommetta jew kien sejjer jikkommetti reat kriminali".

L-intimati, minn naħa l-oħra sostnew li l-arrest sar in

konformità mad-disposizzjonijiet relativi tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk ma setax ikun hemm ebda ksur (għar-raġuni li ssemmiet qabel) ta' l-artiklu 35 tal-Kostituzzjoni. L-intimati inoltre sostnew li bħala fatt l-arrest sar anke fuq suspett raġonevoli.

Illi bis-saħħa ta' l-artiklu 359 tal-Kodiċi Kriminali, il-pulizija għandha s-setgħa li tarresta kull persuna li tkun għamlet jew li jkun hemm **suspett** li għamlet delitt li għalih ikun hemm il-piena tal-priġunerija, minbarra d-delitti punibbli taħt il-liġi ta' l-istampa.

Illi għandu jiġi notat li filwaqt li l-Kostituzzjoni tuża' l-frasi "suspett raġonevoli", il-Kodiċi Kriminali juża' l-kelma "suspett" biss. Skond l-art. 48(7) tal-Kostituzzjoni, li ssemma qabel, meta persuna taġixxi taħt l-awtorità ta' xi disposizzjoni tal-Kodiċi Kriminali, tali persuna qatt ma tista' titqies li kisret xi dritt fundamentali tal-bniedem. Mela, f'każ ta' konflitt bejn iż-żewġ liġijiet, dwar l-istess drittijiet, għandu jirbaħ il-Kodiċi Kriminali nonostante li altrimenti l-Kostituzzjoni titqies li hi l-liġi Suprema tal-pajjiż (Art. 6 tal-Kostituzzjoni).

Illi fil-fehma konsiderata tal-Qorti, il-fatt li l-Kodiċi Kriminali ma jikkwalifikax il-kelma "suspett" bl-aġġettiv "raġonevoli" bħal ma tagħmel il-Kostituzzjoni, jikkostitwixxi konflitt aktar apparenti milli rejali. Il-leġislatur tal-Kodiċi Kriminal żgur li ma riedx u ma ntendiex li jagħti dritt lill-pulizija li tarresta persuna fuq kwalsijasi suspett legger kemm hu legger jew fuq suspett li jkun unikament animat minn malafede, minn xi motiv ulterjuri jew addirittura minn moħħ li ma jirraġunax jew li jkun unikament gwidat minn passjoni. Illi f'ċirkostanzi normali, il-kunċett tar-raġonevolezza għandu jikkwalifika l-

eserċizzju ta' kwalsijasi diskrezzjoni esekuttiva, b'mod li anke jekk ma jissemmiex espressament fil-liġi li tistabbilixxi tali diskrezzjoni, xorta waħda l-leġislatur, f'ċirkostanzi normali, ikun intenda li d-diskrezzjoni tiġi eserċitata "raġonevolment".

*Il-leġislatur kostituzzjonali ħass li espressament kellu* jikkwalifika l-kelma "suspett" bl-aġġettiv "raġonevoli" u b'hekk jidher li ta nterpretazzjoni awtentika lid-disposizzjoni relativa u preeżistenti tal-Kodiċi Kriminali. Interpretazzjoni diversa twassal għall-assurdità li l-leġislatur kostituzzjonali kkreja fid-deher u kapriċċosament konflitt biex f'aspett importantissimu jistultifika d-dritt fundamentali tal-libertà personali tal-bniedem.

Illi għalhekk, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, bejn il-Kodiċi Kriminali u l-Kostituzzjoni ma hemm l-ebda inkonsistenza jew kontradizzjoni rejali f'dan il-kuntest għaliex hu intiż mill-leġislatur tal-Kodiċi Kriminali li l-pulizija għandha s-setgħa li tarresta. Mhux a bażi ta' kwalsijasi suspett, kien x'kien, iżda biss a bażi ta' suspett raġonevoli. Din l-interpretazzjoni hija konfortata mix-xiehda ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija stess li a fol. 237 tal-proċess xehed hekk:

"*Skond il-liġi spettur għandu dritt li fuq inizjattiva tiegħu* personali illi jagħmel is-"*searches*" illi jkun hemm bżonn u jarresta nies **illi jkunu suspettati raġonevolment** li kisru l-liġi u jagħmel l-investigazzjonijiet relattivi".

Ikkunsidrat:

Illi skond il-liġi kull persuna hija ntitolata għall-libertà pesonali tagħha f'kull ħin u f'kull mument, ta' ħajjitha. Kull interferenza ma' dan id-dritt ta' kull ċittadin, biex tkun skond

il-liġi, trid issir strettament taħt l-awtorità tal-liġi. F'każ li l-pulizija tarresta persuna u din tikkontesta l-validità ta' l-arrest, hu kompitu preċiż tal-pulizija li tipprova sodifaċentement li tkun aġixxiet strettament skond is-setgħat li tatiha l-liġi u skond il-forma li tippreskrivi l-liġi. Jekk il-pulizija ma tagħmilx din il-prova jew jekk jirriżulta li l-pulizija oltre passat is-setgħat tagħha, allura jkun hemm il-figura ta' l-arrest illegali, qasir kemm ikun qasir iż-żmien li dik il-persuna tkun ġiet ipprivata mill-libertà personali tagħha.

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, biex il-ġudikant jiddeċidi b'mod ekwu għal kulħadd, jekk il-pulizija f'każ partikolari, kelliex jew le suspett raġonevoli li jintitolaha tarresta persuna, it-test li għandu jiġi applikat m'għandux ikun dak oġġettiv iżda dak soġġettiv. Fi kliem ieħor, għandu jiġi applikat il-kriterju ta' kif kienet tidher is-sitwazzjoni f'ħin u post partikolari lill-uffiċjal tal-pulizija raġonevoli u mhux il-kriterju ta' kif kienet tidher is-sitwazzjoni lil bniedem raġonevoli li jħares mill-bogħod u ex post facto lejn il-fatti kollha li verament eżistew. Id-definizzjoni mogħtija f'kuntest ieħor mill-Imħallef Hawkins fil-każ "Hicks vs Faulkner" ( (1878) 8 Q.B.D. f'paġna 173) ma tidhirx li tistona fil-kuntest tal-kwistjoni taħt eżami:

*"The question of reasonable and probable cause depends in all cases not upon the actual existence, but upon the reasonable bona fide belief in the existence, of such a state of things as would amount to a justification of the course pursued".*

Il-pulizija għandha dover li tagħmel użu raġonevoli missorsi ta' informazzjoni li jkunu disponibbli għaliha għaliex jekk titraskura li tagħmel dan, is-suspett ikun jista' jiġi meqjus li ma kienx wieħed raġonevoli. Mill-banda l-oħra, il-pulizija m'hiex rikjesta li taġixxi biss w unikament fuq provi li jkunu strettament ammissibbli f'Qorti. Huwa suffiċjenti għall-pulizija li taġixxi fuq tali informazzjoni li bniedem prudenti raġonevolment jaċċetta fil-kors ordinarju tal-ħajja. Il-pulizja tista' tarresta fuq suspett raġonevoli u m'għandhiex bżonn li qabel tarresta jkollha prova legali *'prima facie'* tar-reità. Id-dictum ta' Lord Devlin (fil-każ ta' appell lil Privy Council minn deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-Malaysia in re Shaaban Bin Hussein et vs Chong Fook Kam et (1969) 3 AU E.R. 1626):

*"The circumstances of the case should be such that a reasonable man acting without passion or prejudice would fairly have suspected the person of having committed the offence".*

qiegħed jiġi ċitat hawn peress li b'mod eżatt u konċiż jartikola l-ħsieb ta' din il-Qorti fuq il-materja.

Ikkunsidrat:

Illi applikati dawn il-prinċipji legali għall-fatti tal-każ in deżamina, jidher li ma jistax jiġi ritenut li, fis-sitwazzjoni li dehret quddiem l-intimat suprintendent Bonello f'dak iż-żmien partikolari, hu aġixxa fuq suspett mhux raġonevoli. Kien ikun aktar desiderabbli, ċertament, li kieku l-intimat Bonello prova jipprofondixxi u jivverifika l-informazzjoni li kellu, qabel ma ta l-ordni għall-arrest tar-rikorrent u wara li l-perkwisizzjoni tat riżultat negattiv. Però, din il-Qorti waslet fil-konklużjoni li l-ordni ta' l-arrest "per se" ma kenitx illeċita tenut kont taċ-

ċirkostanzi eżistenti dakinhar, kif dehru quddiem l-intimat suprintendent Bonello u inkluż il-fatt li diversi konċetti esposti f'din is-sentenza ma jidhrux li kienu għadhom ġew enunċjati mit-Tribunali Tagħna.

**Ikkunsidrat dwar meta kien preċiżament il-mument li fih safa' arrestat ir-rikorrent:**

Irriżulta li fuq ordni tas-suprintendent Bonello s-surġent Zahra ġabar lir-rikorrent mill-fabbrika fejn kien jaħdem u ħadu d-Depot. In vista tax-xiehda tas-surġent Zahra a fol. 85, il-Qorti sejra tiddetermina l-ħin meta beda jseħħ l-arrest tar-rikorrent.

Nonostante li l-mandat a fol. 81 tal-proċess, indirizzat lis-surġent Zahra, espressament ordnalu li **jarresta** lir-rikorrent l-istess surġent Zahra a fol. 85 xehed hekk:

"Jiena nħoss illi dak il-ħin li ħadt ir-rikorrent mill-fabbrika fejn kien jaħdem għad-Depot ma kontx qiegħed narrestah. Jiena nifhem li din kienet affari ta' l-uffiċjal li riedu".

Illi mix-xiehda tas-surġent Zahra jirriżulta li qal lir-rikorrent:

"Ejja miegħi d-Depot għax is-suprintendent Bonello jrid ikellmek".

Din l-espressjoni jew varjanti simili tagħha hi forma ewfemistika ta' manjiera komuni ħafna kif isir l-arrest. Il-Qorti tapprezza d-diffikultà ta' uffiċjal tal-pulizija li jkun inkarigat mill-arrest u hu tajjeb li l-pulizija tiġi nkorraġġjata li kemm jista' jkun taqdi d-dover xejn faċli tagħha bl-aktar kortesija possibbli.

Iżda minn naħa l-oħra, din il-Qorti tħoss id-dover li bir-rispett kollu tiċċensura l-użu ta' espressjonijiet simili li minħabba l-ekwivoċità tagħhom għandhom it-tendenza li jisfumaw u jalleġerixxu l-istat serju w eċċezzjonali ta' l-arrest. Iċ-ċittadin li jkollu x'jaqsam mal-Pulizija għandu dritt vitali li jkun jaf sewwa meta hu ħieles u meta hu miżmum u għalhekk hu ferm desiderabbli li l-uffiċjal li jkun qiegħed jarresta juża' kliem ċar u sempliċi li ma jista' jħalli ebda dubbju f'moħħ il-persuna soġġetta għall-arrest li hi tinsab "*under compulsion*".

Illi nonostante li s-surġent Zahra uża din il-forma ewfemistika biex jesegwixxi l-ordni ta' l-arrest li ngħatalu, jidher ċar li r-rikorrent fehem li dak il-ħin hu kien qiegħed jiġi arrestat:

"Mid-diskors li għadda bejn dawn iż-żewġ persuni u il-manager indunajt li dawn iż-żewġ persuni ġew biex jiġbruni" (fol. 11).

Illi għalhekk ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li l-arrest tar-rikorrent beda jseħħ fil-fabbrika Nigura meta s-surġent Zahra (minkejja l-kliem pjuttost ekwivoċi li uża) intima lir-rikorrent li hu kien "*under compulsion*" u r-rikorrent issottometta ruħu għar-rieda tas-surġent Zahra.

**Ikkunsidrat dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li hu ma ġiex mgħarraf bis-setgħa ta' l-uffiċjal tal-pulizija li arrestah:**

Irriżulta li s-surġent Zahra identifika ruħu permezz ta' l-identity card tiegħu u b'mod li r-rikorrent dak il-ħin fehem li Zahra kien surġent tal-pulizija. Irriżulta wkoll li Zahra ma semmiex lir-rikorrent li kellu ordni bil-miktub mingħand is-suprintendent Bonello biex jarrestah fil-fabbrika fejn kien qed

jaħdem. Wisq anqas ma wera lir-rikorrent il-mandat relativ, għax irritjena li dan ma talabhomx. Anzi tidher li hi prassi tal-pulizija li dan il-mandat juruh biss lil persuna li titlob biex tarah.

Illi skond l-artikolu 362 tal-Kodiċi Kriminali ebda uffiċjal tal-pulizija li jkun ta' grad anqas minn Spettur (jew sotto spettur) ma jista' jidħol fi djar, f'bini u f'reċint ieħor biex jarresta persuna mingħajr ordni bil-miktub ta' uffiċjal superjuri, ħlief f'xi każijiet speċifiċi li m'humiex rilevanti għall-każ odjern.

Irriżulta li tali ordni bil-miktub ingħatat mis-suprintendent Bonello lis-surġent Zahra (kif jirriżulta mid-dokument a fol. 81 tal-proċess) **qabel** ma sar l-arrest tar-rikorrent. Din l-ordni bil-miktub **flimkien** mal-kariga li kellu Zahra ta' surġent tal-pulizija esekuttiva, kienu ż-żewġ fatturi li **flimkien** kienu jikonferixxu fuq Zahra s-setgħa, li skond l-artikolu 362 imsemmi, jarresta lir-rikorrent fil-bini tal-fabbrika fejn kien qiegħed jaħdem.

Illi l-artikolu 364 tal-Kodiċi Kriminali *"inter alia"* jimponi obbligu fuq il-Pulizija li jesegwixxi l-arrest li jgħarraf lill-persuna suġġetta għall-arrest bis-setgħa tiegħu. Mela, skond dan l-artikolu meta Zahra kien qiegħed jarresta lir-rikorrent kien obbligat li jgħarrfu bis-setgħa tiegħu li jagħmel dak l-arrest. Dana kellu jagħmlu billi jinfurmah li hu kien uffiċjal tal-pulizija esekuttiva u inoltre billi jinfurmah li kellu ordni bil-miktub minn uffiċjal superjuri li jarrestah f'dak il-bini. Il-fatt li Zahra identifika ruħu u qal lir-rikorrent biex imur miegħu għax is-suprintendent Bonello ried ikellmu ma jissodisfawx il-vot tal-liġi, għaliex Zahra ma semmielu xejn li kellu ordni **bil-miktub** mingħand is-suprintendent Bonello biex jarrestah "fil-fabbrika fejn kien impjegat f'Bulebel".

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi jidher ċar li l-uffiċjal inkarigat mill-arrest tar-rikorrent ma ottemperax ruħu kompletament mar-rekwiżit imsemmi fl-artikolu 364.

Ikkunsidrat:

Illi fl-aħħarnett il-Qorti tħoss li għandha tosserva li ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tar-rikorrent li l-uffiċjal inkarigat mill-arrest f'każijiet simili **għandu dover ukoll li juri** 'sua sponte' il-mandat miktub tal-uffiċjal superjuri peress li ma hemmx obbligu f'dan is-sens fil-liġi. Ma hemmx għalfejn jingħad li l-"*arresting officer*" jista' jekk ikun irid juri dan il-mandat lill-persuna soġġetta għall-arrest mingħajr ma' din titolbu li jagħmel dan. Ovvjament hu f'interess ta' l-istess uffiċjal li jkun f'posizzjoni li jipproduċi l-istess mandat bħala prova tas-setgħa tiegħu, jekk il-persuna soġġetta għall-arrest titlob li tara l-mandat. Hu preċiżament għalhekk li fuq il-formula tal-mandat (a fol. 81) hemm espressament avviż lill-"*arresting officer*" f'dan is-sens:

"Meta tiġi mitlub inti għandek turi dan il-mandat lill-persuna fuq indikata".

**Ikkunsidrat dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-"*arresting officer*" ma tahx ir-raġuni ta' l-arrest:**

Illi skond l-imsemmi artikolu 364 (illum 352), l-"*arresting officer*" għandu inoltre jgħarraf lill-persuna soġġetta għall-arrest bir-raġuni ta' l-arrest. Kif ġie aċċennat qabel, jeżisti konflitt serju bejn ix-xiehda tas-surġent Zahra u tar-rikorrent fir-rigward. Ir-rikorrent, minn naħa l-waħda, isostni li sakemm wasluh id-Depot ħadd ma tah raġuni ta' l-arrest, waqt li s-surġent Zahra minn naħa l-oħra sostna li kien qal lir-rikorrent li s-suprintendent

Bonello ried ikellmu fuq pussess illegali ta' armi. Illi wara li eżaminat bir-reqqa d-deposizzjonijiet relativi, fil-ħsieb tal-Qorti, il-verżjoni tar-rikorrent hija aktar verosimili, kredibbli u attendibbli minn dik tas-surġent Zahra, għas-segwenti raġunijiet:

(a) Ix-xhieda ta' Zahra fiha inkonsistenza serja. F'diversi bnadi tax-xiehda tiegħu nsibuh jgħid li mar biex **jarresta** lir-rikorrent (ara fol. 75, fol. 78). Però a fol. 85 jgħid li meta ħa r-rikorrent mill-fabbrika fejn kien jaħdem għad-Depot **ma kienx iħoss li qed jarrestah.** Imbagħad, a fol. 87 u 88 reġa' għall-posizzjoni preċedenti billi sostna li r-raġuni ta' l-**arrest** kien tahielu lir-rikorrent.

(b) Ix-xhieda ta' Zahra fiha ambigwità oħra: A fol. 88 xehed hekk:

"Jiena ma nafx li l-liġi tirrikjedi illi meta narresta bniedem nagħtih ir-raġuni ta' l-arrest u l-awtorità. Però jiena kull meta għamilt arrest **u dak li jkun talabni,** dawn l-affarijiet tajthomlu. Fil-każ partikolari r-raġuni ta' l-arrest jagħtiha lir-rikorrent".

A fol. 86 tal-proċess, però kien xehed:

"Ir-rikorrent ma saqsinix hu l-iskop li riedu s-suprintendent Bonello, iżda ..... **jiena għidtlu minn jeddi".**

(c) Ix-xhieda tas-surġent Zahra, fuq il-punt in kwistjoni, ma hi xejn verosimili, għaliex irriżulta kemm mix-xiehda tiegħu (a fol. 78 u 79) u kemm mix-xiehda tas-suprintendent Bonello (a fol. 125) li s-suprintendent Bonello kien tah ordni li jsib lir-rikorrent, jiġbru u jieħdu d-Depot u li s-suprintendent Bonello ma ta ebda istruzzjonijiet oħra lis-surġent Zahra dwar kif kellu

jesegwixxi l-arrest. F'dawn iċ-ċirkostanzi m'hu xejn versomili li surġent tal-pulizija (1) bla ma jkun imqabbad mis-superjuri tiegħu, (2) bla ma jikkonsulta ruħu ma' l-istess superjuri tiegħu, (3) bla ma jiġi mitlub mill-persuna li jkun qiegħed jarresta, (4) bla ma jkun jaf li skond il-liġi hu kien obbligat li jgħarraf lil dik il-persuna bir-raġuni ta' l-arrest, (5) **minn jeddu** jisvela nformazzjoni potenzjalment sensittiva bħal dik lill-persuna li tkun qegħda tiġi arrestata.

Illi għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti aktar tagħti affidament għall-verżjoni tar-rikorrent li hu ma ġiex informat bir-raġuni ta' l-arrest minn Zahra. Apparti din il-konsiderazzjoni, l-allegata raġuni li ta s-surġent Zahra (pussess illegali ta' armi) ma rriżultatx li kienet waħda preċiża. Irriżulta nfatti li l-investigazzjoni kienet tikkonċerna wkoll pussess illegali ta' apparat elettroniku (apparti xi żewġ *cans* bl-aċidu) u kollox f'kuntest ta' attività kontra s-sigurtà ta' l-istat.

Illi l-obbligu li jemana mill-imsemmi art. 364 tal-pulizija li jgħarrfu l-persuna soġġetta għall-arrest bir-raġuni ta' l-arrest, jimplika neċessarjament li r-raġuni vera u mhux xi raġuni vagament konnessa għandha tingħata. Ma hemmx obbligu li tintuża xi terminoloġija teknika, iżda biżżejjed li l-persuna soġġetta għall-arrest in sostanza tkun informata bir-raġuni vera ta' l-arrest, biex mill-ewwel tkun tista' tirregola ruħha fil-konfront tas-suspett partikolari.

Illi applikat dan kollu għall-każ in deżamina, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-ilment in kwistjoni tar-rikorrent hu fondat għaliex ma rriżultax sodisfaċentement li l-uffiċjal inkarigat mill-arrest ottempera ruħu mar-rekwisit imsemmi ta' l-artikolu 364, ċjoè l-obbligu li jgħarraf lir-rikorrent bir-raġuni ta' l-arrest.

**Ikkunsidrat dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-arrest tiegħu ġie mtawwal għal żmien aktar minn dak li kien assolutament meħtieġ.**

Illi jidher li hu rikonoxxut lill-pulizija d-dritt li din tkompli tinvestiga waqt li persuna tkun qegħda tinżamm arrestata. Dan isir biex is-suspett raġonevoli li jkun jeżisti fil-bidu ta' l-arrest jissaħħaħ jew jiġi eliminat. L-iskop prinċipali tal-pulizija f'dak l-istadju jintlaħaq billi l-persuna arrestata tiġi nterrogata (bis-soliti salvagwardji) u tista' ssir ukoll tfittix għall-provi oħra bl-għajnuna tal-persuna arrestata. Il-pulizija jkollha riżultat **pożittiv** meta jirnexxilha tiġbor prova *"prima facie"* tar-reità tal-persuna arrestata u għalhekk tittieħed deċiżjoni li dik il-persuna titressaq quddiem il-Qorti. Skond l-artikolu 365(2) tal-Kodiċi Kriminali tali deċiżjoni għandha tiġi esegwita **bla dewmien mhux meħtieġ** u fl-ebda każ ma għandhom jitħallew jgħaddu aktar minn tmienja u erbgħin (48) siegħa. Il-pulizija jista' jkollha riżultat **negattiv** għall-investigazzjoni tagħha billi l-persuna arrestata, bl-ispjegazzjonijiet li tagħti waqt l-interrogazzjoni, tasal li tikkonvinċi lill-pulizija li s-suspett tagħhom ma hux fondat. F'dan il-każ il-pulizija għandha ovvjament obbligu li teħles immedjatament lil din il-persuna. Riżultat **negattiv** jista' jkun jemana wkoll mill-fatt li għalkemm il-pulizija jibqagħlha fiha s-suspett raġonevoli, però tasal għall-konklużjoni li x'aktarx m'hijiex ser jirnexxilha tottjeni prova *"prima facie"* tar-reità tal-persuna arrestata b'aktar investigazzjoni ta' l-istess persuna jew ta' xhieda oħra potenzjali. Meta l-pulizija tasal għal din il-konklużjoni, fil-fehma tal-Qorti, il-persuna arrestata għandha tinħeles immedjatament għaliex ikun inutli li tali persuna tibqa' miżmuma arrestata.

Il-Qorti trid tenfasizza hawn, illi t-tmienja u erbgħin (48)

siegħa li jissemmew fl-artikolu 365 tal-Kodiċi Kriminali u fl-artikolu 35(3) (6) tal-Kostituzzjoni huwa l-massimu li l-pulizija tista' żżomm persuna arrestata biex tressaqha quddiem il-Qorti. Skond l-artikolu 365(2) dan il-perijodu qatt ma jista' jiġi skorrut jew imtawwal. Anzi jidher ċar li l-leġislatur impona dover fuq il-pulizija li ma teħux l-48 siegħa kollha biex tressaq persuna quddiem il-Qorti meta obbligata taġixxi "bla ebda dewmien mhux meħtieġ". Fi kliem ieħor, jekk il-pulizija jżomm persuna arrestata għal 48 siegħa sħaħ, il-pulizija tista' tiġi msejħa biex tiġġustifika l-operat tagħha u jirnexxilha tagħmel dan biss jekk tipprova sodisfaċentement li d-dewmien kien, fiċ-ċirkostanzi, meħtieġ.

Illi din l-osservazzjoni tapplika wkoll fil-każ li l-pulizija tiddeċidi li ma tressaqx quddiem il-Qorti lill-persuna arrestata minħabba n-nuqqas ta' provi *"prima facie"*. Anzi, f'każ bħal dan, id-dover tar-rilaxx qabel l-għeluq tat-48 siegħa jidher li hu aktar impellenti fuq il-pulizija peress li kontrarjament għall-każ preċedenti (fejn il-pulizija jkollha f'idejha provi *"prima facie"* ċjoè ammissibbli f'Qorti) f'dan il-każ il-pulizija ma jkolliex provi bħal dawn u kull ma jkollha hu suspett raġonevoli ta' reità kontra l-persuna arrestata.

Illi l-Qorti, naturalment tissimpatizza mal-pulizija għax taf bil-pressjonijiet tax-xogħol diffiċli tagħha, iżda ħadd ma jrid jinsa li ma jista' qatt ikun hemm ebda ġustifikazzjoni għall-ksur jew għal nuqqas ta' rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem sanċiti fil-Kostituzzjoni tagħna.

Ikkunsidrat:

Illi fil-każ in eżami, ir-rikorrent irriżulta li dam arrestat mill-

Ġimgħa, 2 ta' Diċembru, f'xis-12.45 p.m. sal-Ħadd 4 ta' Diċembru sa f'xil-10.45 a.m. ċjoè ċirka sitta u erbgħin (46) siegħa, matul dan iż-żmien kollu, ir-rikorrent ġie nterrogat f'żewġ okkażżjonijiet u kull darba l-interrogatorju ma kienx twil wisq – bejn wieħed u ieħor dam xi nofs siegħa. Ġew imressqa provi dwar in-numru ta' persuni li kien hemm arrestati fid-Depot bejn it-2 u l-4 ta' Diċembru (Ara dok. CB 1 a fol. 21 tal-proċess). Ġiet preżentata wkoll lista (dok. CB 2 a fo. 216) li turi l-isem ta' l-ispetturi kollha li kienu disponibbli għall-intimat suprintendent Bonello fl-istess perijodu, naturalment għax-xogħol kollu li kien jaqa' taħt ir-responsabilità tiegħu.

Illi wara li din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha li tressqu u qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u partikolarment in-natura ta' l-investigazzjoni in kwistjoni, in-numru tal-persuni arrestati, in-numru ta' l-uffiċjali tal-pulizija disponibbli, id-durata w il-kontenut taż-żewġ interrogatorji tar-rikorrent, il-fatt li l-unika bażi ta' l-arrest tar-rikorrent kienet informazzjoni li ma ġietx sostanzjata mill-perkwisizzjoni li saret, kif ukoll l-inkapaċità fiżika tar-rikorrent u l-istat ta' saħħtu li seta' jiddeterjora f'sitwazzjoni ta' stress, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-intimat suprintendent Bonello ma rnexxilux jipprova sodifaċentement li kien meħtieġ li jkompli jżomm lir-rikorrent għaż-żmien kollu li effettivament żammu arrestat. Dan l-intimat ma ġabx provi biżżejjed dettaljati w eżawrjenti w għalhekk din il-Qorti ma tpoġġitx f'posizzjoni li tikkwantifika preċiżament jew approssivament in-numru ta' siegħat li r-rikorrent inżamm arrestat aktar milli fil-fatt kien meħtieġ. Minkejja dan, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubbju li r-rikorrent fil-fatt inżamm arrestat għal numru konsiderevoli ta' siegħat aktar milli kien meħtieġ fiċ-ċirkostanzi.

**Ikkunsidrat dwar it-trattazzjoni tar-rikorrent li hu ġie maltrattat waqt l-arrest.**

Illi din il-Qorti tħoss li f'dana l-istadju u f'dan il-kuntest ma hemmx ħtieġa li tikkonsidra f'dettal dan l-ilment tar-rikorrent. Dana qiegħed jingħad peress li r-rikorrent qiegħed inoltre jallega li t-trattament li rċieva kemm dam arrestat kien jammonta għal trattament inuman u degradanti bi ksur ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni (illum artikolu 36) – kwistjoni li sejra tiġi eżaminata fid-dettal fil-parti li jmiss ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tillimita ruħha li tgħid li jekk ir-rikorrent jirnexxilu jissostanza sodisfaċentement l-allegazzjoni tiegħu ta' trattament inuman u degradanti allura jsegwi neċessarjament li l-arrest tar-rikorrent ikun ulterjorment illegali anke a bażi ta' dan il-ksur, għaliex ovvjament il-pulizija m'għandha u ma jista' qatt ikollha l-ebda setgħa jew ġustifikazzjoni skond il-liġi li tadopera trattament simili.

Illi, għar-raġunijiet premessi, jirriżulta li l-arrest tar-rikorrent la ġie esegwit u l-anqas ma ġie prosegwit skond kif titlob il-liġi. Konsegwentement l-arrest tar-rikorrent kien wieħed illegali u arbitrarju bi ksur ta' l-Artikolu 35(1) u (2) tal-Kostituzzjoni (illum 34(1) u 2).

**Ikkunsidrat dwar l-allegat ksur ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni (illum artikolu 36).**

"Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għall-piena jew trattament inuman jew degradanti".

Illi l-kunċett ta' trattament inuman jew degradanti

m'għandux jiġi ekwiparat għall-kunċett ta' tortura. Verament dawn huma kunċetti relatati iżda kif qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ta' l-Appell, l-istess kunċetti għandhom jinżammu distinti (**Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar – 20/7/77,** Dec. Kost. p. 548).

It-tortura tikkostitwixxi forma aggravata u ntenzjonata ta' trattament inuman u degradanti u fil-każ: ***"Denmark, Norway, Sweden and the Netherlands vs Greece"*** ġie ritenut illi:

*"the word 'torture' is often used to describe inhuman treatment which has a purpose, such as the obtaining of information or confessions, or the infliction of punishment, and it is generally an aggravated form of inhuman treatment."*

Paul Sieghart fil-ktieb: ***"The International Law of Human Rights"*** (1983) jikkommenta hekk f'paġna 163:

***"Torture may also be constituted by the infliction of mental suffering through the creation of state of anguish and stress by means other than bodily assault.*** *As Judge Evirgenis observed in Ireland vs United Kingdom.*

*Torture can be practised – and indeed is practised – by using subtle techniques developed in multi-disciplinary laboratories which claim to be scientific. By means of new forms of suffering that have little in common with the physical pain caused by conventional torture it aims to bring about, even if only temporarily,* ***the disintegration of an individual's personality, the shattering of his mental and psychological equilibrium and the crushing of his will.***

*In Denmark et al vs Greece, EUCM said that solitary confinement, isolation in a police cell without food, water, or access to toilets,* ***mock executions, threats to throw a person out of a window, the use of insulting language,*** *rubbing the head with vomit, being forced to strip naked, and being compelled to be present at the torture or inhuman or degrading teatment of relatives or friends,* ***all constitute*** *torture because* ***they are forms of intimidation and*** *humiliation designed to destroy an individual's will and conscience.*

*Conditions of detention may sometimes amount to torture. For instance, in Denmark et al vs Greece, overcrowded detention quarters, a lack of proper washing facilities, absence of heating in water, lack of hot water, poor lavatory facilities, unsatisfactory dental treatment, close restriction of letters and visits, and the extreme manner of seperating detainees from their families, were considered, in combination, to constitute torture.''*

Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ta' l-Appell fl-imsemmija sentenza: **''Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar''** (ibid, paġna 54) ikkummentat hekk:

''Kwantu għall-kunċett ta' ''trattament inuman'', din il-Qorti taħseb li, in ġenerali, tista' wkoll tirriferixxi għal dak espress mill-Kummissjoni Ewropeja fl-imsemmi Każ Grieg, kif kjarit imbagħad fl-imsemmi Każ ta' l-Irlanda. *''The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable''* (Rapport ta' l-imsemmija Kummissjoni fil-Każ Grieg, loc.ċit.). Bi kjarifikazzjoni għal dan, ġie imbagħad aġġunt mill-istess Kummissjoni fir-Rapport tagħha fuq il-Każ ta' l-Irlanda (p. 378) li hija innotat li *''the term*

*'unjustifiable' (in the particular situation) has given rise to some misunderstanding and therefore finds it necessary to state clearly that it did not have in mind the possibility that there could be a justification for any treatment in breach of article 3"* (tal-Konvenzjoni) (Ara wkoll deċiżjoni ta' l-imsemmija Kummissjoni fl-Applikazzjoni Num. 4771/71 Jacob Ħamma vs The Netherlands). Kwantu għal trattament degradanti, dan, fl-aktar kliem sempliċi, hu trattament li gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor (ara Rapport ta' l-imsemmija Kummissjoni fil-Każ Grieg, loc. ċit.). Dan il-kunċett għadu forsi m'huwiex żvolt biżżejjed, imma l-Qorti taħseb li fih jidħol ukoll apparti forsi elementi oħra, anki l-element tal-vjolazzjoni serja tad-dinjità umana tas-suġġett''.

Fil-każ **Ireland vs United Kingdom** (5310/71) il-*European Court of Human Rights* qieset li l-Forzi Ingliżi tas-Sigurtà użaw trattament degradanti fl-interrogazzjonijiet ta' nies suspettati fl-Irlanda ta' Fuq:

*''Since they were such as to arouse in their victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance''.* Fil-każ **Patel etal vs United Kingdom *(East African Asians cases*** (4403 – 19/70) il-European Commission of Human Rights irriteniet illi: *''any act which covers a person in rank, position, reputation or character can be regarded as ''degrading treatment'', if it reaches a certain leval of severity''* (Sieghart, op.ċit.p.170).

Ikkunsidrat:

Illi biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjoni

tad-disposizzjonijiet kontenuta fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jeħtieġ li jlaħħaq ċertu grad ta' gravità. Infatti, il-Qorti tapprezza li kwalunkwe arrest legali li jsir mill-pulizija jimplika neċessarjament ċertu ammont ta' umiljazzjoni lill-persuna soġġetta għalih. Però dan il-fatt ma jagħtix evidentement lill-pulizija passaport ta' immunità għal dak li jirrigwarda li metodi w il-mezzi li tista' tuża' l-pulizija waqt l-interrogazzjoni jew iż-żamma ta' persuna arrestata.

Ikkunsidrat:

Illi fl-eżami tal-fatti ta' każ partikolari bl-iskop li jiġi determinat jekk it-trattament kien ilaħħaq ċertu grad ta' gravità b'mod li jinkwadra ruħu fi ksur ta' l-imsemmi artikolu, il-ġudikant japplika t-test soġġettiv. Dan ifisser li l-grad tal-gravità tat-trattament partikolari m'għandux jiġi mkejjel a bażi tal-effett li tali trattament jista' jkollu fl-astratt fuq persuna medja normali, iżda minflok, a bażi ta' l-effett li fil-fatt kellu dak it-trattament partikolari fuq il-persuna partikolari li tkun ġiet assoġġettata għalih. Għalhekk is-sess, l-età, l-istat ta' saħħa, l-inkapaċitajiet u fatturi varjabbli oħra li jagħmlu persuna dak li effettivament hi għandhom jingħataw id-debita importanza. (Ara f'dan is-sens il-kummenti ta' l-Imħallef Zekia dwar l-effett ta' trattament identiku fuq raġel xiħ u marid u atleta żagħżugħ fil-każ: "**Ireland vs United Kingdom).**

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent huwa ġuvni li sa minn ċkunitu kien inkapaċitat u għadu hekk sallum. Għandu riġlejh it-tnejn debilitati – waħda aktar mill-oħra. Jilbes żraben speċjali u bih jista' jimxi waħdu, iżda mhux b'mod normali. Huwa wkoll afflitt

mill-marda tad-dijabete w jieħu l-kura tat-tabib għaliha. Meta t-tabib tiegħu sar jaf li r-rikorrent ma ġiex meħlus mill-pulizija wara li kien inżamm arrestat xi tmien siegħat, hu ħass id-dover li jmur personalment id-Depot kif għamel, u avża lill-pulizija biex jagħtu mportanza debita għaċ-ċertifikat li qabel kien irrilaxxja. Dan iċ-ċertifikat ġie esebit a fol. 45 tal-proċess u fih *inter alia* jingħad li r-rikorrent ibagħti mill-marda tad-dijabete:

*"a condition which could have serious consequences when the patient is exposed to stress and awkward dieting quality and time"*.

Dak il-ħin it-tabib ġie invitat mill-pulizija li jżur il-pażjent iżda hu qalilhom li ma kienx neċessarju. It-tabib xehed (a fol.53) li fil-kelma "stress" użata fiċ-ċertifikat imsemmi kien hemm kompriż ċirkostanzi bħal biżà, inkwiet u eċċitament.

Ir-rikorrent ġie arrestat fuq ix-xogħol, fit-2 ta' Diċembru, 1983, meta kellu wieħed u tletin (31) sena. Ġie meħud fid-Depot tal-Pulizija fis-1.00 p.m., jew ftit aktar tard. Jirriżulta li qabel ġie maqful fiċ-ċella, il-gwardjan qallu biex ineħħi l-lazzijiet taż-żarbun tiegħu (proċedura solita tal-pulizija) u r-rikorrent urieh li jekk iż-żarbun ma jkunx magħluq bil-lazzijiet ma jkunx jista' jimxi. Il-gwardjan qallu biex jinża' ż-żarbun u jħallih barra ċ-ċella w r-rikorrent għamel hekk:

Ir-rikorrent iddeskriva ċ-ċella fejn ġie kkalzrat hekk:

"Din iċ-ċella kellha dimensjonijiet ta' ċirka tmien piedi b'sitt piedi u għoli ta' għaxar piedi, kien fiha sodda, saqqu w s-saqqu kien mgħotti b'liżar li jasal sa nofsha għaliex infatti fejn kienet il-parti li tpoġġi rasek ma kien hemm l-ebda liżar. Il-lożor, għaliex

apparti dan il-liżar kien hemm liżar mitwi fuqu, rajthom li kienu maħmuġin fis-sens li kienu jidhru qishom użati, kien hemm ukoll imħadda li kienet imtebba' u ma kelliex investa fiha. Anke s-saqqu kien imtebba'. F'rokna minnhom kien hemm barmil għall-bżonnijiet personali ta' dak li jkun u anke dan kien maħmuġ.

Il-ħajt fuq is-sodda tan-naħa fejn tpoġġi rasek kien imtebba', imtebba' bħal tbajja' ta' kafè jew demm. Kien hemm xi umdità wkoll (fol. 12,13)."

Wara li dam xi ħames siegħat u nofs f'din iċ-ċella ġabulu l-ikel, u kif kien se jaqbad jiekol, ħaduh għall-ewwel interrogatorju. Ir-rikorrent (a fol.36) jgħid li kien eċitat u mbeżża' waqt dak l-interrogatorju, iżda ma rriżultax li hu ġie mmaltrattat. L-interrogatorju kien qasir u reġa' ġie msakkar fiċ-ċella. Apparti li tħalla joħroġ xi tnejn jew tlett darbiet biex jagħmel il-bżonnijiet naturali tiegħu, ir-rikorrent dam maqful sa l-għada s-Sibt sa xil-11.45 a.m. Meta kien sejjer jibda jiekol reġa' ttieħed għat-tieni nterrogatorju, fl-uffiċċju tas-suprintendent Bonello. Kien hemm oltre s-suprintendent Bonello ħames persuni oħra preżenti. F'dan l-interrogatorju r-rikorrent xehed li ġie severament maltrattat. Mix-xhieda mhux kontradetta tar-rikorrent jirriżulta:

(a) li l-pulizija bdew jiddieħqu bih (fol.21 u fol.24). Anke l-intimat suprintendent Bonello wara li saqsih domanda u hu rrisponda, innotah jaħbi wiċċu wara gazzetta u jidħaq.

(b) li waqt l-interrogatorju pulizija mar warajh u tah żewġ daqqiet ġo rasu bil-pala ta' idu miftuħa (fol.21, 23 u 24) u qallu: "Għid il-verità, għaliex qed tigdeb". Ir-rikorrent kompla jixhed hekk:

"Jiena nsistejt li kont qiegħed ngħid il-verità u aċċertajthom li kaxxi bħal dawk li kienu qed juruni ma kontx rajt. L-istess bniedem, għaliex hekk deherli, però m'inhix ċert, mija fil-mija minn dan għax ma ħaristx lura, dak il-ħin qabadni minn spalti u beda jixxejkjani. Waqt li kien qiegħed jixxejkjani, dak ta' wara reġa' staqsieni biex ngħid il-verità w ngħid jekk kontx rajt bħal dawk il-kaxxi u jiena rrispondejt mill-ġdid fin-negattiv" (fol. 21, 22).

(ċ) Ir-rikorrent żied jgħid hekk:

"Imbagħad wieħed li kien hemm faċċata tiegħi mal-medja smajtu jgħid wara li ngħatat l-ordni li jiena nittieħed fiċ-ċella u jagħtuni niekol, li ċ-ċavetta taċ-ċella tintrema jew ibellawha lili ma' l-ikel" (fol.25).

Ir-rikorrent għamel diversi allegazzjonijiet dwar aktar maltrattament waqt it-tieni interrogatorju, però fil-konfront ta' dawn l-allegazzjonijiet hemm ċertu konflitt fil-provi ċjoè:

(d) Ir-rikorrent xehed li fil-ħames minuti li dam jistenna fl-uffiċċju bilqegħda mal-medja qabel l-interrogatorju, osserva li wieħed mill-pulizija:

"li kien bil-wieqfa kellu f'idejh żewġ xwabel ta' tul madwar żewġ piedi u nofs u nnotajtu bħal speċi jkejjilhom ma' xulxin. Dan l-istess persuna kellha wkoll pistola li din kienet pistola antika li jidhirli li kienet bħal dawk antiki li jaħdmu biż-żnied. Smajtu jagħfas il-grillu u kien qiesu joqgħod jisma' l-martell ifaqqa' meta jagħfas il-grillu. Dan sar madwar il-ħames minuti qabel ma bdiet l-interrogazzjoni tiegħi. Daqqa jkollu f'idejh ix-xwabel u daqqa l-pistola, dejjem kif għidt qabel" (fol. 18).

Fuq dan il-punt xehed hekk l-ispettur Stubbings:

"'Jista' jkun li waqt l-interrogatorju tar-rikorrent kien hemm fl-istess kamra xwabel u xi pistoli li kienu nstabu waqt xi *'search'*, però waqt l-interrogazzjoni tar-rikorrent ebda membru tal-pulizija jew xi ħadd ieħor ma beda jipprova l-istess armi fis-sens li jiħħandilja l-istess armi (fol. 231)."

(e) Ir-rikorrent xehed li waqt l-interrogatorji ntuża kliem baxx u *sema'* lis-*suprintendent* Bonello jitkellem ħażin waqt li kien qiegħed jistaqsih xi domanda (fol. 24, 25). Minn-naħa tiegħu s-suprintendent Bonello fix-xhieda tiegħu, ċaħad li hu kellem ħażin lir-rikorrent (fol. 193).

(f) Ir-rikorrent xehed li wieħed mill-persuni li kienu qegħdin jinvestigawh qallu:

"qis li tgħid il-verità għaliex sejrin inġibu ħabel, norbtuk mal-ganċ. Dan il-ganċ kien imwaħħal mas-saqaf tal-kamra fejn kienet qed issir l-interrogazzjoni tiegħu. Dan id-diskors dwar l-irbit tiegħi mal-ganċ ġie ripetut diversi drabi anki mis-suprintendent Bonello. F'dak il-mument wieħed minnhom staqsih jekk jemminx f'Alla u hu rrispondih li jemmen u dik il-persuna li rrimarkatlu li kien qiegħed jigdeb u min jigdeb imur l-infern" (fol. 22).

Ir-rikorrent *żied jgħid:*

"Dak il-mument is-suprintendent Bonello wrieni gazzetta... li mingħalija kienet ir-rivista "Sagħtar". Naf però fiċ-ċert li ġejt muri reklam tas-"Sagħtar" li kien jikkonsisti f'ras ta' mewt tifforma ovali u meta wrieni dan ir-ritratt, is-suprintendent

Bonello qalli: "bħal dan sejjer issir". Jien irrispondejtu: "mhux kulħadd irid isir bħal dak" u hu qalli: "li hu ma xtaqx li jsir hekk" " (fol. 23).

Is-suprintendent Bonello ċaħad li hu ried idendel lir-rikorrent mal-ganċ, jew li f'xi ħin semmielu xi ganċ (fol. 135). Ċaħad ukoll li wrieh rivista li kellha fiha stampa ta' ras ta' mewt (fol. 134), u ma jiftakarx li ssemmew il-kliem "infern" u "ġenna" waqt l-interrogatorji (fol. 193). L-ispettur Stubbings xehed (a fol. 109) li sa fejn jiftakar hu ma ndikax lir-rikorrent ebda "*fixture*" li seta' kien hemm fl-uffiċċju tas-suprintendent Bonello. L-ispettur Stubbings ċaħad (a fol. 114) illi xi ħadd mill-fizzjali kellu f'idejh ir-rivista "Sagħtar" li kellha fuqha r-ras ta' mewt.

Ikkunsidrat:

Illi kif intqal, dwar l-aħħar imsemmija allegazzjonijiet hemm żewġ verżjonijiet. Ir-rikorrent allega li ġie minaċċjat li jdendluh b'ħabel mal-ganċ waqt li s-suprintendent Bonello ċaħad din l-allegazzjoni u dan kien jixħed dell fuq il-kredibilità tar-rikorrent. Semma li fix-xiehda li r-rikorrent qal li ma ndunax b'żewġ "*ceiling fans*" kbar li kien hemm imdendlin mas-saqaf. Biex jissaħħaħ dan l-argument, l-intimati eżebew 10 ritratti li juru eżatt x'kien hemm fl-uffiċċju waqt l-interrogazzjoni tar-rikorrent, inklużi ż-żewġ "*ceiling fans*" kbar u ganċ żgħir mas-saqaf. U verament tidher ħaġa stramba li r-rikorrent ma rax il-fans kbar iżda ra dak il-ftit jispikka ċjoè l-ganċ.

Din il-Qorti, però tħoss li dawn ir-ritratti mhux inaqqas iżda jikkoroboraw ix-xiehda tar-rikorrent u juru li l-minaċċja allegata verament saret lir-rikorrent. Xi spjegazzjoni verosimili

oħra seta' kien hemm biex il-ganċ jarah iżda ma jarax is-*ceiling fans*? Li kieku l-minaċċja ma saritlux, ir-rikorrent ma kienx jara l-ganċ kif ma rax is-*"ceiling fans"*. Il-ganċ kellu bilfors jarah għaliex ir-rikorrent stess xehed li l-ganċ ġie espressament indikat lilu.

"...ara ma' dak il-ganċ li hemm hemmhekk" (fol. 249). Ir-rikorrent xehed li dak il-ħin ħares 'il fuq lejn is-saqaf u ra l-ganċ mas-saqaf warajh. (Ir-ritratti jikkoraboraw din il-posizzjoni li r-rikorrent ta' fis-saqaf relativament mal-posizzjoni tiegħu mal-medja ta' l-interrogazzjoni). Jekk wieħed jaċċetta li normalment persuna tosserva u tiftakar ferm aktar ħwejjeġ li jinteressawha u jolqtuha mill-qrib milli ħwejjeġ li ma jinteressawiex, wieħed jista' jifhem għaliex ir-rikorrent ra l-ganċ żgħir u ma rax iż-żewġ *"ceiling fans"*. Dawn kbar kemm kienu kbar fid-dimensjonesterjuri tagħhom, għalih ma kellhom ebda nteress jew rilevanza għaliex ma ssemmewx fl-interrogatorju tiegħu. Mhux bħal ganċ li kien assoċjat ma theddida serja fil-konfront tiegħu.

Illi wara li eżaminat bir-reqqa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-verżjoni tal-fatti li ta r-rikorrent tidher aktar verosimili u kredibbli minn dik ta' l-intimat suprintendent Bonello u l-ispettur Stubbings. Hu sinjifikattiv li r-rikorrent f'dik l-okkażjoni kien waħdu u għalhekk qatt ma seta' jkun f'posizzjoni li jkun korroborat max-xhieda ta' persuna oħra – ħaġa li kienet assolutament barra l-kontroll tiegħu. Hu magħruf li l-ebda persuna indipendenti jew m'hiex ma titħalla tassisti għall-interrogatorju ta' persuna arrestata, salvagward li jeżisti f'diversi pajjiżi oħra w li jiffaċilità l-prova li kollox ikun sar sewwa u bla ebda abbuż fl-interrogazzjoni. Jista' jkun sinkifikattiv ukoll il-fatt li l-intimati l-anqas ipproduċew bħala xhieda, l-pulizija kollha li kienu preżenti waqt l-

interrogazzjoni. Dana naturalment ma jfissirx li l-Qorti tiġġudika a bażi tan-numru tax-xhieda għaliex hu risaput, li apparti xi eċċezzjonijiet li ma jinteressawx dan il-każ, ix-xiehda ta' xhud wieħed biss jekk emnut mill-ġudikant hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox daqs kemm kieku kien hemm korroborazzjoni ta' xhud ieħor jew aktar xhieda. Fil-fatt fil-każ odjern, il-Qorti qieset anke l-mod serju kif iddiporta ruħu r-rikorrent fil-pedana tax-xhieda, il-mod kif hu wieġeb għad-domandi kemm ta' l-avukat tiegħu u kemm fil-kontro-eżami, il-mod konsistenti li bih xehed u mhux l-anqas din il-Qorti tat piż għall-fatt li għalkemm waqt ix-xiehda, ir-rikorrent deher sogħbien u ddispjaċut għall-fatti li beda jsemmi, però l-Qorti setgħet tosserva li d-deposizzjoni tiegħu ma kenitx animata minn animosità u l-anqas minn xi preġudizzju, fatturi li jnaqqsu ħafna mill-kredibilità ta' kwalunkwe deposizzjoni. Ir-rikorrent ma deherx jesaġera l-ebda fatt. Ma ppruvax iżid kif ngħidu d-doża. Per eżempju meta semma' ż-żewġ daqqiet li qala' fuq rasu hu stess qal li din id-daqqa ngħatatlu bil-pala ta' l-id miftuħa u li ma kenitx bis-saħħa ħafna (fol. 21). Ir-rikorrent x'aktarx minħabba l-mistħija l-anqas, ma semma l-effett li tħalla fuq saħħtu minħabba l-esperjenza li għadda minnha. Dawn ħarġu biss mix-xhieda ta' ħutu Carmela Vella u Gemma Petroni.

Illi dawn iċ-ċirkostanzi kollha fil-kumpless tagħhom għenu lil din il-Qorti li tasal li tirradika fiha l-fehma li x-xhieda tar-rikorrent hi waħda kredibbli w li għalhekk jistħoqqilha li tingħata affidament.

Illi Carmela Vella xehdet li nnotat li meta r-rikorrent wasal id-dar, hu kien eċitat ħafna, qiegħed jirtogħod li kien pallidu ħafna – sintomi li baqgħu fuqu sal-bidu ta' Frar, 1984. F'dan iż-żmien kien jilmenta li ma setax jorqod u hi ġieli tagħtu l-pilloli

biex jorqod u l-kalmanti. Naqqas ukoll mill-ikel u xi għaxart ijiem wara li ġie rilaxxjat mill-pulizija, tah attakk qawwi ta' esteriżmu li fih ir-rikorrent beda jibki u jħokk rasu (ara fol. 57 sa 59). Gemma Petroni kkonfermat li kienet preżenti waqt l-attakk isteriku tar-rikorrent meta dan beda "jixxejkja" u jpoġġi jdejh ma' rasu u kellu tazza quddiemu u sabbatha. Dawn l-affarijiet qabel l-arrest qatt ma nnotatu jagħmel (ara fol. 66 – 68).

Ikkunsidrat:

Illi issa jrid jiġi determinat jekk it-trattament li rċieva r-rikorrent fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u fid-dawl tal-prinċipji legali esposti qabel, jaqgħux jew le taħt il-komminazzjoni ta' l-imsemmi artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Illi l-Qorti qieset:

(1) Li r-rikorrent hu bniedemm pjuttost fraġili li barra li evidentement inkapaċitat f'riġlejh, ibagħti minn dijabete, marda li skond il-provi mhux kontradetti, hi affettwata ħażin minn "*stress*" inkluż ċertament, inkwiet u biża'. Din l-aħħar imsemmija ċirkostanza li ġiet mill-ewwel miġjuba a konjizzjoni tal-pulizija tidher li ma ngħatatx ebda importanza mill-pulizija. A skans ta' ekwivoċi għandu jingħad li din il-marda ma kenitx teżenta lir-rikorrent mill-arrest iżda ċertament il-pulizija kellha d-dmir li ma żżommx lir-rikorrent f'kundizzjonijiet li setgħu jaffettwalu ħażin lil saħħtu għal żmien aktar mill-minimu ndispensabbli għall-investigazzjoni tagħha.

(2) Li l-arrest tar-rikorrent mhux biss ġie esegwit illegalment iżda ġie prosegwit bl-istess mod billi ġie mtawwal għal żmien aktar minn dak li kien meħtieġ.

(3) Li tista' tgħid li għaż-żmien kollu li r-rikorrent dam illegalment arrestat, inżamm ġo ċella żgħira ħafna, f'kundizzjonijiet ħżiena ferm, kif ġew deskritti mir-rikorrent li l-anqas ġie kontradett.

(4) Li għalkemm arrest legali ta' persuna li tkun raġonevolment suspettata li għamlet reat, jimplika ċertu ammont ta' umiljazzjoni, però ġie pruvat li l-pulizija rrikorriet għall-metodi ta' nterrogazzjoni li qatt ma jistgħu jiġu ġustifikati li jintużaw fil-konfront ta' persuna bħal ma hu r-rikorrent. Ir-rikorrent irriżulta li ġie ridikolat, ġiet applikata ċerta forza fiżika fuqu, ġie mbeżża' u serjament minaċċjat mhux biss bid-dendil tiegħu mal-ganċ iżda anke b'mod sottili bil-mewt. Dan it-trattament illegalment oppressiv w umiljanti effettivament ġab fir-rikorrent il-biża', dieqa w tensjoni w sens ta' inferjorità li kkawżalu effettivament ċerta trawma psikoloġika w li baqa' jħossha għall-ħafna żmien wara li ġie rilaxxjat.

Fil-fehma tal-Qrati, meqjusa singolarment, ebda inċident ma hu gravi biżżejjed biex tiddeskrivih bħala trattament inuman jew degradanti. Però, **l-effett kombinat ta' l-inċidenti kollha li ssemmew** fuq il-persuna partikolari tar-rikorrent kien, fil-fehma tal-Qorti, trattament gravi biżżejjed li jikwalifika bħala trattament inuman u degradanti fis-sens ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**Ikkunsidrat dwar ta' min hi r-responsabilità.**

Illi issa l-Qorti sejra tgħaddi biex tiddetermina jekk l-intimati t-tnejn jew min minnhom għandhom responsabilità dwar il-ksur tal-Kostituzzjoni li ġie konstatat.

Illi kwantu għall-ksur ta' l-artikolu 35(1) u (2) tal-Kostituzzjoni, fil-ħsieb tal-Qorti, l-intimat suprintendent Bonello mhux responsabbli għall-fatt li r-rikorrent ma ġiex avżat bis-setgħa ta' l-uffiċjal inkarigat mill-arrest meta dan arresta lir-rikorrent. Is-suprintendent Bonello, rriżulta sodisfaċentement, li kkonsenja lil dan l-uffiċjal l-ordni bil-miktub imsemmija fl-artikolu 362(1) tal-Kodiċi Kriminali w ma kienx hemm ebda ħtieġa li s-suprintendent Bonello jagħti xi struzzjonijiet ulterjuri lill-*"arresting officer"* peress li l-liġi hi ċara biżżejjed dwar id-doveri ta' dan l-uffiċjal.

Illi kwantu għall-fatt li dan l-uffiċjal naqas li jagħti lir-rikorrent ir-raġuni ta' l-arrest meta arrestah, fil-fehma tal-Qorti l-intimat suprintendent Bonello hu responsabbli għal dan in-nuqqas. Infatti ma rriżultax li dan l-intimat ta espressament din ir-raġuni lill-*"arresting officer"* meta ordna l-arrest tar-rikorrent. Fil-ħsieb tal-Qorti, dan l-intimat kellu dmir li jagħmel hekk għaliex b'hekk biss seta' jpoġġi lill-*"arresting officer"* f'posizzjoni li jottempera ruħu mal-liġi billi jagħti r-raġuni ta' l-arrest waqt l-esekuzzjoni ta' l-arrest. F'dan il-kuntest, il-Qorti tosserva li kwalunkwe inizjattiva ta' l-*"arresting officer"* bażata fuq ħsibijiet jew intendimenti li dan l-uffiċjal jista' jkollu, tista' tkun impreċiża w biex jiġu eliminati ekwivoċi f'materja hekk serja hu f'interess tal-pulizija li tikkunsidra jekk għandiex tindika din ir-raġuni ta' l-arrest fuq il-mandat ta' l-arrest stess.

Illi kwantu għall-konstatazzjoni li l-arrest ġie mtawwal għal żmien aktar milli kien meħtieġ, irriżulta li r-rikorrent kien taħt il-kontroll ta' l-*"arresting officer"* għal żmien qasir ħafna – xi nofs siegħa jew ftit iżjed. Għall-kumplament kollu tal-perijodu ta' l-arrest, ir-rikorrent kien taħt il-kontroll dirett jew indirett ta' l-intimat suprintendent Bonello, li konsegwentement hu

responsabbli għaż-żamma tar-rikorrent aktar milli kien meħtieġ.

Illi rriżulta għalhekk lii l-arrest tar-rikorrent ġie esegwit u prosegwit b'manjiera mhux skond l-awtorità tal-liġi u konsegwentement l-arrest sar wieħed illegali u arbitrarju bi ksur ta' l-artikolu 35(1) u (2) tal-Kostituzzjoni, u fis-sens premess, l-intimat suprintendent Bonello hu responsabbli għall-istess ksur.

Illi kwantu għall-ksur ta' l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni, irriżulta li r-rikorrent, matul il-perijodu relativ kien dejjem taħt il-kontroll dirrett jew indirett ta' l-intimat suprintendent Bonello li konsegwentement hu responsabbli għall-istess ksur.

Illi mill-provi rriżulta li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija la ta xi ordni in konnessjoni ma' l-arrest, żamma u/jew interrogazzjoni tar-rikorrent, anzi rriżulta li dan l-intimat sar jaf bl-arrest u bl-allegazzjonijiet tar-rikorrent l-ewwel darba meta ġie notifikat bir-rikors promotorju ta' din il-kawża. Illi ċertament hu korrett li dan l-intimat għandu r-responsabilità li jara li ħadd mis-subalterni tiegħu ma jiksru l-liġi w partikolarment xi dritt fundamentali tal-bniedem waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħol tal-pulizija. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, fin-nuqqas ta' provi li dan l-intimat ikun direttament jew indirettament involut f'xi ksur effettiv ta' xi dritt fundamentali, l-istess intimat m'għandu ebda responsabilità legali għall-istess ksur, liema responsabilità għandha taqa' f'dawn iċ-ċirkostanzi, fuq l-uffiċjal tal-pulizija li effettivament ikun ikkaġuna l-istess ksur tad-dritt fundamentali tal-bniedem. Il-Qorti ma teskludix li tista' teżisti fil-konfront ta' l-intimat Kummissarju 'tal-Pulizija responsabilità morali, amministrattiva jew politika, kif ġie sottomess fin-nota ta' l-osservazzjoni ta' l-istess intimati, iżda f'din il-kawża ma ġietx indikata lill-Qorti ebda disposizzjoni fil-liġi tagħna simili għal

per eżempju l-artikolu 48(1) tal-*Police Act 1964* tar-Renju Unit li espressament tagħmel liċ-

"*Chief Constable of the police area vicareously liable for torts committed by members of the force that he commands in the performance or purported performance of their duties as constable*".

Illi konsegwentement fil-ħsieb tal-Qorti, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija ma rriżultax li għandu ebda responsabilità legali għall-ksur li ġie konstatat tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

**Ikkunsidrat dwar ir-rimedju kostituzzjonali li għandu jiġi applikat.**

Illi l-artikolu 47(2) (illum 46(2) ) tal-Kostituzzjoni jagħti s-setgħa lil din il-Qorti li tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull dritt fundamentali li għall-protezzjoni tiegħu, ir-rikorrent f'kawża bħal din, ikun intitolat. Fil-każ tal-ksur ta' l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni, il-Kostituzzjoni stess fis-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu tipprovdi li:

"kull min ikun arrestat jew detenut illegalment minn xi persuna oħra jkollu dritt għal kumpens għalhekk minn dik il-persuna".

Illi *sfortunatament* f'din il-kawża odjerna l-abbli difensuri tal-kontendenti ttraskuraw għal kollox dan l-aħħar imsemmi aspett x'aktarx bi svista minħabba n-natura legali komplikata w ġdida ta' ħafna mill-aspetti l-oħra tal-kawża, li kif intqal qabel, ġew trattati mill-istess abbli difensuri bl-lejaltà u b'ħila kbira.

Illi f'każijiet bħal dawn, din il-Qorti taħseb li jkun xieraq li r-rikorrent stess jindika liema rimedju jkun qed jimmira għalih. Inoltre, il-kwistjoni tal-"quantum" tal-kumpens imsemmi, safejn taf il-Qorti, qatt ma qam quddiem il-Qorti u peress li dan hu kunċett ġdid fil-liġi tagħna din il-Qorti tħoss li tkun ħaġa prudenti li tagħti lill-abbli difensuri tal-partijiet l-opportunità li jittrattaw dan l-aħħar imsemmi aspett.

Illi, għalhekk, din il-Qorti ma hijiex sejra tippronunzja ruħha dwar l-aħħar talba tar-rikorrent f'dan l-istadju, iżda tirriserva li tagħmel dan fi stadju ulterjuri, in difett ta' ostakolu.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi:

1. **Tiċħad** l-ewwel (1) u t-tielet (3) talba tar-rikorrent fil-konfront ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija, iżda **tilqa'** l-istess żewġ talbiet fil-konfront ta' l-intimat suprintendent Carmelo Bonello fis-sens li tiddikjarah ħati ta' ksur ta' l-artikoli 35(1) u (2) u 37(1) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta fil-konfront tar-rikorrent.

2. **Tiċħad** it-tielet (3) talba tar-rikorrent fil-konfront taż-żewġ intimati Kummissarju tal-Pulizija u suprintendent Carmelo Bonello.

3. **Tirriżerva** li tipprovdi fuq ir-raba' (4) talba tar-rikorrent fi stadju ulterjuri, jekk ikun il-każ.

**L-ispejjeż** ta' din id-deċiżjoni jibqgħu kollha a karigu ta' l-intimat suprintendent Carmelo Bonello, minbarra dawk ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija li jibqgħu a kariku tar-rikorrent.

Il-kawża tibqa' differita għas-seduta tat-tnax (12) ta' Jannar, 1987, fid-9.00 a.m., in difett ta' ostakolu, għall-kontinwazzjoni dwar l-aħħar talba msemmija tar-rikorrent.

Minn din is-sentenza appellaw kemm ir-rikorrent, kif ukoll u prinċipalment is-suprintendent tal-pulizija Carmelo Bonello.

Iż-żewġ appelli se jiġu naturalment riżoluti f'sentenza waħda. Il-punti ta' aggravju taż-żewġ appellanti li se jiġu senjalati se jiġu trattati taħt sottotitoli.

**Arrest illegali.**

L-Artikolu 34 (ġa 35) tal-Kostituzzjoni tiddetermina li "Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief....." u l-istess artikolu jelenka l-eċċezzjonijiet għal din ir-regola fundamentali tal-libertà tal-bniedem.

Is-sentenza sabet li l-intimat Bonello ivvjola din ir-regola meta ordna u żamm arrestat għal 46 siegħa lir-rikorrent.

Il-ġustifikazzjoni, skond l-intimat Bonello, għall-arrest qegħda fl-eċċezzjoni msemmija fis-subinċis (1)(f) ta' l-artikolu 34, ċjoè illi huwa aġixxa:

"fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkometta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali".

Is-sentenza appellata hija tal-fehma li jekk is-suspett ikun raġonevoli jew le, għandu jiġi eżaminat mhux fuq bażi oġġettiva imma soġġettiva. B'daqshekk però l-ewwel Qorti fehmet dan:

"Fi kliem ieħor, għandu jiġi applikat il-kriterju ta' kif kienet tidher is-sitwazzjoni f'ħin u post partikolari lill-uffiċjal tal-pulizija raġonevoli u mhux il-kriterju ta' kif kienet tidher is-sitwazzjoni lil bniedem raġonevoli li jħares mill-bogħod u "ex posto facto" lejn il-fatti kollha li verament eżistew." U għalhekk il-Qorti ntendiet distinzjoni bejn kriterji mmedjati u kriterji medjati aktar milli soġġettivi u oġġettivi. Din il-preċiżazzjoni kienet neċessarja biex jiġu evitati ekwivoċi ta' natura semantika. Għaliex il-kriterju tar-raġonevolezza huwa kriterju oġġettiv.

Mix-xhieda tas-suprintendent Bonello is-suspett raġonevoli li huwa fforma li Tonio Vella kien ikkommetta jew se jikkommetti reat, kien bażat fuq dawn iż-żewġ fatti:

(a) xi ħadd informah illi fid-dar fejn kien joqgħod Tonio Vella, u fil-garage ta' faċċata, suppost li kien hemm armi u affarijiet oħra illegali ċjoè apparat tal-*wireless* u *"gerry-cans"* bl-aċidu; u

(b) għaliex, għalkemm din l-informazzjoni wara l-perkwisizzjoni, irriżultat żbaljata, mill-esperjenza tiegħu kemm il-darba għamel *"searches"* b'riżultat negattiv, mill-investigazzjoni sussegwenti rriżulta l-każ.

Il-Qorti ma tarax li għandha titlef iż-żmien tfittex ir-raġonevolezza f'attitudni bħal din. Milli jidher is-suprintendent *Bonello ma jagħmilx distinzjoni* bejn *investigazzjoni* u arrest, bejn interrogazzjoni u arrest. Ma jirrejalizzax li biex ikollu suspett irid ikollu diġà almenu xi indikazzjoni konkreta mill-investigazzjoni li jkun beda. Hawnhekk is-suprintendent Bonello, meta l-investigazzjoni li kien beda fuq informazzjoni li kienet irrżultat – almenu sa dak il-ħin – żbaljata – ċjoè

investigazzjoni negattiva – l-anqas suspett ma kien intitolat li jifforma, aħseb u ara suspett raġonevoli. It-tieni element li semma – bażat fuq l-esperjenza tiegħu – tipprejokkupa l-Qorti għaliex turi li fizzjali tal-pulizija ta' rank hekk għoli – li għandu fdata f'idejh il-libertà taċ-ċittadini u l-poter ta' arrest esekuttiv – m'għandu ebda apprezzament ta' xi tfisser il-privazzjoni tal-libertà, u aktar u aktar x'ifisser l-**arrest** fuq suspett ta' reat.

Kif intqal – l-aktar li laqat il-Qorti huwa dak li xehed is-suprintendent stess:

"Lis-surġent Zahra għidtlu biex isib lir-rikorrent, **jiġbru** u jieħdu d-Depot. **Jiena għamilt dan biex ninterrogah** in konnessjoni ma' l-investigazzjoni illi kont qed nagħmel. Ma tajt l-ebda struzzjonijiet oħra lis-surġent Zahra dwar il-modalitajiet kif għandu jeffettwa l-arrest (fol. 125)". Dan juri li kull ma ried jagħmel proprjament is-suprintendent Bonello kien li jinterroga lil Vella, ma kienx qed jissuspetta fih – inkwantu l-anqas seta' għaliex ma kellu assolutament xejn li seta' jissospettah. U b'dan kollu għal skopijiet ta' sempliċi nterrogatorju ordna arrest. Ordna arrest fl-għama. Ċjoè l-istess suprintendent qatt ma qal illi min infurmah kien indikalu lil Tonio Vella. Kien indikalu r-residenza u l-garage, imma mhux persuni. Ma qalx is-suprintendent għaliex, bl-istess raġonament ma arrestax ukoll in-nisa li sab fid-dar meta mar ifittex, għaliex bil-kriterji li semma' huwa, anki dan kien ikun ġustifikat.

*Dan li laqat il-Qorti wkoll huwa l-fatt illi l-intimat ordna* l-arrest **qabel** ma kkompleta l-perkwisizzjoni tal-garage fejn suppost li kienet il-moħba prinċipali li kienu ndikawlu. Difatti s-surġent Zahra telaq biex jarresta lil Vella meta kienet spiċċat it-tfittxija tad-dar u meta kien se jinfetaħ il-garage biex ifittxu

fih. Dan juri kjarament li s-suprintendent kien deċiż li jarresta lill-intimat fuq dak li kellu f'moħħu mingħajr ebda bżonn ta' xi element korraboratorju mir-rejaltà.

Fl-appell tiegħu l-intimat Bonello, rigward in-nuqqas li Vella jiġi nfurmat bir-reat li għalih kien ġie arrestat, jgħid, li dan in-nuqqas kien tas-surġent Zahra li mar jesegwixxi l-arrest, għaliex dan kien jaf fuq hiex u għaliex kien qed jiġi arrestat Vella. Imma mix-xiehda stess ta' l-intimat Bonello, ġa kwotata (fol. 125) – huwa arresta lil Vella **biex jinterrogah** in konnessjoni ma' l-investigazzjoni li kien qed jagħmel u ma tahx **istruzzjonijiet oħra** rigward il-modalitajiet kif għandu jeffettwa l-arrest. Wara "*search*" negattiv bħal dak li s-surġent Zahra kien għadu kif assista għalih, ma jidhirx għaliex dan għandu jkun mistenni li jaqbad u jgħid lil Vella li huwa kien akkużat bil-pussess illegali ta' armi u apparat elettroniku. Jekk l-istess intimat Bonello, f'dak il-mument, infurmat *kif* infurmat, ma *kellu*, verament, suspett raġonevoli f'Vella, kif jippretendi li għandu jkollu s-surġent Zahra l-ardir li jakkuża lil Vella li s-suprintendent riedu "miegħu" biex jinterrogah?

Għal dak li jirrigwarda t-tul ta' l-arrest, jekk meta sar l-arrest kien għad m'hemmx lok għal suspett raġonevoli għalih, u matul is-sitta u erbgħin (46) siegħa li Vella nżamm arrestat ma rriżulta ebda element ġdid biex b'xi mod, anki jekk wara l-fatt, jiġġustifika l-ħsibijiet ta' Bonello fil-konfront ta' Vella, kull minuta ta' l-arrest kienet illegali u kulll ma beda jgħaddi ż-żmien – daqstant ieħor dak l-arrest illegali kien qed jiġi aggravat. Huwa evidenti li l-interrogatorju ta' arrestat, Bonello jikkonċepih bħala eżerċizzju li jista' jagħmlu skond il-kumdità u l-konvenjenzi tiegħu – mingħajr l-iċken rigward għal konsiderazzjoni li wara kollox dik il-persuna, li fuqha huwa ma kien jaf xejn, li fuqha

rċieva biss informazzjoni (li sa dak il-ħin almenu kienet irriżultat għal kollox infondata) setgħet kienet innoċenti – kienet qed tiġi pprivata mill-ġid tal-libertà, umiljata u assoġġettata inutilment.

*Dak li hemm fir-rikors ta' appell ta' l-intimat* Bonello taħt is-sottotitolu "L-allegazzjoni ta' Tonio Vella li l-arrest tiegħu ġie mtawwal aktar milli kien assolutament meħtieġ" huwa għalhekk riġettat. Però l-Qorti tħoss ukoll li għandha wkoll tiddiżapprova l-kontenut għaliex ġej minn uffiċjal ta' grad għoli tal-Korp tal-Pulizija li fil-kamp tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem għandu doveri u responsabilitajiet ħafna aktar għolja minn ċittadin komuni speċjalment għall-ħarsien ta' dak kollu li hemm fl-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni, li għandu jorbtu anki aktar, mill-liġijiet ordinarji tad-dixxiplina penali ta' l-ordinament tagħna – li r-Repubblika tafda f'idejh u tagħtih l-awtorità neċessarja biex jirrispettahom.

Il-Qorti baqgħet allibita – biex ma tgħidx aktar – bil-firma ta' l-Avukat tar-Repubblika – fil-fond ta' rikors b'dak il-kontenut.

*Ikkunsidrat:*

Dan li ntqal, jiddisponi wkoll mill-appell tar-rikorrenti li jirrigwarda mhux id-dispositiv tas-sentenza fuq dan il-punt imma r-raġunijiet reċepiti mill-Qorti w nklużi fl-*obiter dicta* ta' l-istess sentenza.

**Trattament inuman u degradanti.**

Minn dak li hemm fir-rikors tal-appell taħt dan is-sottotitolu, jidher li l-intimat Bonello ma tantx kellu x'jikkontesta fis-sentenza

appellata. Il-kummenti hemm esposti – b'mod ġeneriku, privi minn kull dettal jew esemplifikazzjoni mill-fatti in kawża, jeżentaw il-Qorti minn kwalunkwe kumment ieħor.

Fid-disposittiv tas-sentenza jidher li hemm lapsus, li jrid jiġi korrett. Fl-ewwel (1) paragrafu s-sentenza tgħid:

"..... tilqa' l-istess żewġ talbiet (id est – l-ewwel (1) u t-tielet (3) fil-konfront ta' l-intimat suprintendent Carmelo Bonello fis-sens li tiddikjarah ħati ta' ksur ta' l-artikoli 35(1) u (2) u 37(1) (illum artikoli 34 u 36) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta fil-konfront tar-rikorrent".

Waqt li fit-tieni (2) paragrafu hemm –

"2. Tiċħad it-tielet (3) talba tar-rikorrent fil-konfront taż-żewġ *intimati Kummissarju tal-Pulizija u suprintendent* Carmelo Bonello."

Mill-*obiter dicta* tas-sentenza jidher li l-ewwel paragrafu tad-dispożittiv u dan it-tieni wieħed huwa għalhekk skorrett, u dak li effettivament kien qed jiġi miċħud f'dan il-paragrafu hija t-tieni (2) talba tar-rikorrent u mhux it-tielet (3) li jidher għalhekk li huwa *lapsus calami*.

**Perkwisizzjoni fid-dar f'Birżebbuġa.**

Ir-rikorrenti appella fuq dan il-punt nkwantu t-tieni talba tiegħu – biex jiġi dikjarat li t-tfittxija fuq ordnijiet ta' l-intimati, fir-residenza tar-rikorrent, saret bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 39(1) u (2) (illum artikolu 38) tal-Kostituzzjoni – ġiet miċħuda.

Il-Kostituzzjoni fl-artikolu nvokat, tiddisponi illi perkwisizzjoni bħal dik li ġrat f'dan il-każ – trid tkun raġonevolment meħtieġa fl-interess ta' l-ordni pubbliku (sub-incis (2)(a) ta' l-artikolu 38).

L-aggravju huwa aktar immirat lejn l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 352 tal-Kodiċi Kriminali milli għall-artikolu fil-Kostituzzjoni.

L-artikolu 352, Kodiċi Kriminali, jgħid:

"L-uffiċjal tal-Pulizija Esekuttiva nkarigat mill-arrest jew mill-perkwisizzjoni, għandu jgħarraf lill-persuna suġġetta għall-perkwisizzjoni, meta tkun hemm, bis-setgħa tiegħu u bir-raġuni ta' l-arrest jew tal-perkwisizzjoni, kemm-il darba ma jkunx qabadha fil-fatt".

Ir-rikorrent jirritjeni illi l-intimat Bonello, meta fid-dar sab lil Carmena Vella u Gemma Petroni – qabel ma beda jfittex fid-dar, kellu l-obbligu li jinfurmahom **bir-raġuni** tal-perkwisizzjoni kieku kien preżenti Tonio Vella.

Ma' din l-interpretazzjoni din il-Qorti ma taqbilx.

Difatti dan l-artikolu għandu jiġi abbinat ma' dak ta' qablu – l-artikolu 351 sabiex il-liġi tiftiehem sewwa. Meta l-uffiċjal imur biex jagħmel perkwisizzjoni (a) jew, ma jingħatax aċċess, u allura "wara li jkun ta avviż tad-dmirijiet tiegħu u tar-raġuni li għaliha jkun mar hemm" ikun jista' jisgassa – artikolu 351; jew (b) jingħata aċċess u allura għandu jagħti r-raġuni lill-persuna suġġetta għall-perkwisizzjoni "billi din tkun hemm" – artikolu 352, jew (ċ) jaqbad u jidħol għaliex id-delitt jiġri quddiemu u jaqbdu fil-fatt.

Din hija l-posizzjoni legali li jrid il-Kodiċi Kriminali. *Il-frażi* "meta tkun hemm" setgħet induċiet l-ewwel Qorti li taħseb li din tirriferixxi għall-persuna li f'moħħ l-uffiċjal tal-pulizija tkun raġonevolment suspettata – imma din il-kwalità ta' nterpretazzjoni ma tagħmilx sens. Jekk per eżempju, ġuvni ta' għoxrin sena jkun suspettat li qed jittraffika fid-drogi u joqgħod fid-dar ta' missieru – allura jekk id-dar tiġi perkwisita meta jkun hemm il-missier biss – dan jiġi assoġġettat għall-perkwisizzjoni ta' dan *mentri* jekk hemm jinzerta miegħu ibnu wkoll allura jsir jaf għaliex daru se tiġi perkwisizzjonata.

Però din l-"interpretazzjoni" żbaljata hija deġenerazzjoni tal-posizzjoni awtentika tal-Kodiċi Kriminali tagħna kif jidher ċar mill-qari ta' dan l-artikolu fit-test oriġinali bit-taljan ta' l-1854:

*"Articolo 319 – L'ufficiale della polizia esecutiva che procedesse allo arresto od alla perquisizione,* ***dovrà informare le persone soggette*** *all'arresto o alla perquisizione,* ***essendo presenti,*** *della sua autorità, e della causa dell'arresto o della perquisizione, eccetuato il caso in cui le avesse colte in flagranti".*

Evidenti ir-rigress dovut għal tradutturi fdati wisq biex minħabba "jaddattaw" lingwistikament jispiċċaw biex "jirvinaw" ġuridikament, u proprju hawn, fil-kamp ta' drittijiet hekk importanti. "Meta tkun hemm" tfisser "billi dawk ikunu hemm", għaliex hekk tfisser il-frażi – *"essendo presenti".*

Dan in-nuqqas ta' l-intimat, għalhekk huwa nuqqas fil-konfront tad-doveri lilu mposti mill-Kodiċi Kriminali. L-artikolu tal-Kostituzzjoni ma jirrikjedix ħlief neċessità raġonevoli – u fuq daqshekk – ma kien hemm ebda ksur ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni.

**Il-proviso tat-tieni inċiż (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.**

L-intimat ħass ruħu aggravat mill-fatt li l-ewwel Qorti ma ħassitx li għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha kostituzzjonali għaliex il-każ kellu rimedji xierqa skond xi liġi oħra li mhix il-Kostituzzjoni.

L-eċċezzjoni li fuqha huwa bbażat dan l-aggravju – f'każ bħal dan, hija kurjuża, għaliex timplika li l-intimat Bonello kien jippreferixxi illi jiġi assoġġettat għall-proċeduri kriminali, milli għall-preżenti proċedura; jiġifieri, għal proċeduri dixxiplinari, jew aħjar, penali, milli għal proċeduri kompensatorji, ċjoè ħlas ta' danni. Dan qiegħed jintqal għaliex waħdu, jillustra li r-"rimedji" li tipprospetta l-eċċezzjoni għar-rikorrenti – huma rimedji ta' ġustizzja punittiva mentri b'din il-kawża huwa qed ifittex rimedji ta' ġustizzja kommutattiva.

Barra minn dan però, huwa evidenti li nfrazzjoni, bħal dik li għada kif ġiet imsemmija ta' l-artikolu 351 Kap. 9 jew għall-vjolazzjoni minħabba trattament degradanti w inuman – x'rimedji **ċari** hemm jekk mhux f'azzjoni bħall-preżenti?

U finalment – meta l-oġġett in kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra u oħrajn li m'għandhomx rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni.

**Ir-Responsabilità tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

Fil-każijiet fejn il-vjolazzjoni ta' xi wieħed mid-drittijiet fundamentali u libertajiet ta' l-individwu, issir minn xi mpjegat

tal-Gvern waqt li jkun qed jaġixxi esekuttivament jew amministrattivament, bħala regola, għandu jirrispondi għal dik il-vjolazzjoni – il-Gvern, jew il-Ministru jew il-Kap ta' Dipartiment – li huma responsabbli għal u għandhom il-kontroll, ta' dak l-uffiċjal. Meta dik il-vjolazzjoni tammonta **wkoll** għal reat – delitt jew kontravvenzjoni – allura għandha tirrispondi **wkoll** il-persuna li għamlet dak ir-reat. Qed jingħad **ukoll** għaliex biex il-Ministru, jew il-Kap ta' Dipartiment, li jkun ukoll parti fil-kawża, jiġi eżentat minn kull responsabilità jkun irid juri li malli huwa sar jaf bil-vjolazzjoni allegata, jew ħa l-passi meħtieġa biex dik il-vjolazzjoni tieqaf immedjatament jew jekk meta sar jaf, ma kienx possibbli li jwaqqaf il-vjolazzjoni, allura jrid, malli jsir jafha, **jiddisassoċja ruħu** minnha fil-konfront tal-vittima u b'mod inekwivokabbli.

Applikati nfatti dawn il-prinċipji għall-fatti in kawża – per *eżempju għal dak l-episodju inuman u degradanti meta* Tonio Vella, billi jekk ineħħi l-lazzijiet taż-żarbun xorta waħda ma jkunx jista' juża ż-żraben – allura ġiet addottata s-soluzzjoni illi jħalli ż-żarbun bil-lazzijiet b'kollox barra miċ-ċella – biex b'hekk bniedem bħalu ġie ridott għall-immobilità totali – u li joqgħod ħafi f'ċella fi Frar – kienu responsabbli direttament iż-żewġ gwardjani li kienu qed "jaddattaw" għall-każ speċjali, ir-regola tas-soltu tal-lazzi – u l-intimat Bonello li sar jaf biha u approvha u l-Kummissarju tal-Pulizija li meta sar jaf biha b'ebda mod ma ddisassoċja ruħu minnha, huma kollha responsabbli. Naturalment anki dawk iż-żewġ gwardjani setgħu ġew imħarrka – anzi, kieku l-Kummissarju u s-suprintendent malli saru jafu b'dak li ġara, jew issoppremewha jew iddisassoċjaw ruħhom minnha, – kif intqal – Tonio Vella, kien ikollu jħarrek lilhom, lill-gwardjani, biex jieħu rimedju. L-istess għal dak li għamlu dawk id-diversi spetturi li ħadu parti fl-

"interrogatorju illustrat" ta' Tonio Vella, u Carmelo Bonello ma kienx ikollu jirrispondi għan-nuqqas tas-surġent Zahra, kieku ma kienx għall-fatt li – kif intqal qabel – ma kienx huwa stess li qal li l-istruzzjoni li ta lis-surġent kienet "biex jiġbru ħalli jinterrogah" – u xejn iżjed.

Dawn il-prinċipji ta' responsabilità huma riflessi fir-rejaltà tal-prassi – *konxja jew inkonxja – f'diversi livelli. Hekk per* eżempju – l-avukat ġenerali jippatroċina kull impjegat tal-Gvern imsejjaħ biex jirrispondi għal xi allegat reat li jikkostitwixxi wkoll vjolazzjoni kostituzzjonali, kif ġara fil-każ preżenti, u mbagħad ġie mument meta l-Gvern iddisassoċja ruħu mill-impjegat u allura l-Avukat Ġenerali ma baqax jippatroċinah.

Difatti l-Avukat tar-Repubbklika Anzjan (kif kien dak iż-żmien) dottor Vincent Degaetano b'nota tal-15 ta' Ġunju 1987, irrinunzja għall-patroċinju tal-Kummissarju tal-Pulizija u tas-suprintendent Carmelo Bonello – f'din il-kawża li bdiet fl-20 ta' Diċembru 1983. L-intimat Bonello fis-26 ta' Ottubru 1987 informa l-Qorti li huwa kien inkariga lill-avukat dottor Joseph Brincat, waqt illi l-avukat dottor Franco Bondin – l-avukat tad-Dipartiment tal-Pulizija assuma l-patroċinju tal-Kummissarju tal-Pulizija fit-2 ta' Diċembru 1987.

B'hekk il-Qorti kellha *tiddeduċi illi l-Gvern kien iddisassoċja* ruħu mill-operat ta' l-intimat Bonello imma mhux minn dak tal-Kummissarju tal-Pulizija.

F'dan il-kuntest tar-rimedji li jistgħu jittieħdu skond il-Kodiċi Kriminali qabel ma tiġi istitwita l-azzjoni kostituzzjonali, li ġiet imsemmija qabel, iċ-ċittadin irid u jibqa' jirċievi l-appoġġ diskrezzjonali ta' Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-ewwel, u ta' din

il-Qorti wara – fit-termini ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, sakemm il-Gvern, jew l-istess Avukat Ġenerali, ma jiċċarax il-posizzjoni tiegħu rigward l-atteġġjament li għandu jittieħed meta kwalsijasi mpjegat tal-Gvern, ikun min ikun, jiġi allegat illi kkommetta reat.

Meta din il-posizzjoni ġuridika ta' natura kostituzzjonali – amministrattiva, li mhux sekondarja – tiġi ċċarata – allura l-Qorti tkun tista' tikkontempla aħjar li verament rimedji serji fil-kamp penali jeżistu f'każijiet bħal dawk preżenti – almenu in parti – kif intqal. Mhux biss iċ-ċittadin imma anki l-Qorti għandha nteress vitali li tkun taf meta l-Avukat Ġenerali – fil-proċeduri kriminali u f'dawk, kostituzzjonali li jallegaw reità, għandu l-funzjoni ta' **prosekutur** – skond kif huwa obbligat bl-artikolu 4(1) tal-Kodiċi Kriminali – jew dak ta' **difensur,** kif hija l-malaprassi li daħlet, li però m'hix awtorizzata żgur mill-istess Kodiċi Kriminali. Din hija ambigwità perikoluża li ġiet krejata u li jeħtieġ li tiġi ċċarata, biex ma jirrepetux ruħhom sitwazzjonijiet bħal dawk li ġraw f'din il-kawża.

Għal dawn i-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddisponi mill-appelli nterposti billi tirriforma s-sentenza appellata kif ġej:

1. Tiddikjara li l-arrest ta' Tonio Vella mill-intimati sar b'mod li ġie vvjolat l-artikolu 34(f) billi ma kienx hemm suspett raġonevoli li huwa kien ikkometta jew kien sejjer jikkommetti reat kriminali;

2. Tiddikjara li l-perkwisizzjoni li saret fir-residenza tar-rikorrent kisret id-disposizzjoni ta' l-artikolu 352 tal-Kodiċi Kriminali imma ma tikkostitwix vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni; u

3. Tiddikjara lill-intimati ħatja ta' trattament inuman u degradanti bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

Filwaqt li tibgħat lura mill-Qorti ta' l-ewwel grad l-inkartament tal-proċess għall-kontinwazzoni w deċiżjoni – din il-Qorti tindika li l-ewwel Qorti għandha issa tinvesti wkoll il-kwistjoni tar-ripartizzjoni tar-responsabilità bejn l-intimati.

L-ispejjeż ta' dawn l-appelli – fiċ-ċirkostanzi, għandhom jiġu sopportati kwantu għal tlett kwarti mill-intimati u kwar mir-rikorrenti.